



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/2158(INI)

18.12.2013

EMENDI

1 - 274

Abbozz ta' rapport
Sergio Gutiérrez Prieto.
(PE522.791v01-00)

Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014 (2013/2158(INI))

AM\1009138MT.doc

PE522.992v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Emenda 1
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

17a. wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2013 dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs (2012/2134(INI))

Or. en

Emenda 2
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

A. billi r-reċessjoni fiż-żona tal-euro waslet fi tmiemha fit-tieni kwart tal-2013, meta wieħed jara ċ-ċifri, iżda billi t-tkabbir annwali fiż-żona tal-euro se jibqa' **negattiv** din is-sena u l-qgħad **u l-inugwaljanza lahqqu ammont rekord**; billi jeħtieġ li t-tkabbir **ikompli** jitjieb sabiex dan ikun jista' jitqies irkupru fit-tul u sabiex ikun iġġenerat il-momentum meħtieġ biex itaffi l-isfidi soċjoekonomiċi tal-UE;

A. billi r-reċessjoni fiż-żona tal-euro waslet fi tmiemha fit-tieni kwart tal-2013, meta wieħed jara ċ-ċifri, iżda billi t-tkabbir annwali fiż-żona tal-euro se jibqa' **fraġli** din is-sena u l-qgħad **għadu fuq livell għoli ħafna**; billi jeħtieġ li t-tkabbir **sostenibbli jkompli** jitjieb sabiex dan ikun jista' jitqies irkupru fit-tul u sabiex ikun iġġenerat il-momentum meħtieġ biex itaffi l-isfidi soċjoekonomiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 3
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi r-reċessjoni fiż-żona tal-euro waslet fi tmiemha fit-tieni kwart tal-2013, meta wieħed jara ċ-ċifri, iżda billi t-tkabbir annwali fiż-żona tal-euro se jibqa' negattiv din is-sena u l-qgħad **u l-inugwaljanza laħqu** ammont rekord; billi jeħtieġ li t-tkabbir ikompli jitjieb sabiex dan ikun jista' jitqies irkupru fit-tul u sabiex ikun iġġenerat il-momentum meħtieġ biex itaffi l-isfidi soċjoekonomiċi tal-UE;

Emenda

A. billi r-reċessjoni fiż-żona tal-euro waslet fi tmiemha fit-tieni kwart tal-2013, meta wieħed jara ċ-ċifri, iżda billi t-tkabbir annwali fiż-żona tal-euro se jibqa' negattiv din is-sena u l-qgħad **laħaq** ammont rekord **fl-istorja taż-żona tal-euro**; billi jeħtieġ li t-tkabbir ikompli jitjieb sabiex dan ikun jista' jitqies irkupru fit-tul u sabiex ikun iġġenerat il-momentum meħtieġ biex itaffi l-isfidi soċjoekonomiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 4
Marian Harkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi r-reċessjoni fiż-żona tal-euro waslet fi tmiemha fit-tieni kwart tal-2013, meta wieħed jara ċ-ċifri, iżda billi t-tkabbir annwali fiż-żona tal-euro se jibqa' negattiv din is-sena u l-qgħad u l-inugwaljanza laħqu ammont rekord; billi jeħtieġ li t-tkabbir **ikompli** jitjieb sabiex dan ikun jista' jitqies irkupru fit-tul u sabiex ikun iġġenerat il-momentum meħtieġ biex itaffi l-isfidi soċjoekonomiċi tal-UE;

Emenda

A. billi r-reċessjoni fiż-żona tal-euro waslet fi tmiemha fit-tieni kwart tal-2013, meta wieħed jara ċ-ċifri, iżda billi t-tkabbir annwali fiż-żona tal-euro se jibqa' negattiv din is-sena u l-qgħad u l-inugwaljanza laħqu ammont rekord; billi jeħtieġ li t-tkabbir jitjieb **b'mod sinifikanti** sabiex dan ikun jista' jitqies irkupru fit-tul u sabiex ikun iġġenerat il-momentum meħtieġ biex itaffi l-isfidi soċjoekonomiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 5
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Aa. billi għandu jiġi mfakkar li, fl-2007, fil-bidu tal-kriżi, il-pajjiżi li issa qed jesperjenzaw l-akbar diffikultajiet, kienu akkumulaw żbilanċi eċċessivi fil-kontijiet attwali u kellhom problemi gravi bil-kompetittività tagħhom

Or. en

Emenda 6
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-qgħad fl-UE laħaq il-figura allarmanti ta' **26.6 miljun¹ filwaqt li l-qgħad fit-tul żdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri u laħaq ammont rekord fl-UE inġenerali; billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar qawwi f'dawk il-pajjiżi li qed iwettqu aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali;**

Emenda

B. billi l-qgħad fl-UE laħaq il-figura allarmanti ta' **26.6 miljun² filwaqt li l-qgħad fit-tul żdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri u laħaq ammont rekord fl-UE inġenerali; billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar qawwi f'dawk il-pajjiżi li tant kienu f'sitwazzjoni ħażina li kellhom iwettqu aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali;**

Or. en

Emenda 7
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-qgħad fl-UE laħaq il-figura allarmanti ta' **26.6 miljun^{fn} filwaqt li l-qgħad fit-tul żdied fil-maġġoranza tal-**

Emenda

B. billi l-qgħad fl-UE laħaq il-figura allarmanti ta' **26.6 miljun^{fn} filwaqt li l-qgħad fit-tul żdied fil-maġġoranza tal-**

¹ Is-sitwazzjoni tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali: Eżami Trimestrali”), Ottubru 2013.

² Is-sitwazzjoni tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali: Eżami Trimestrali”), Ottubru 2013.

Istati Membri u laħaq ammont rekord fl-UE inġenerali;¹ billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar qawwi f'dawk il-pajjiżi li qed iwettqu aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali;

Istati Membri u laħaq ammont rekord fl-UE inġenerali;² billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar qawwi f'dawk il-pajjiżi li qed iwettqu riforma fiskali sostanzjali;

Or. en

Emenda 8
Marian Harkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-qgħad fl-UE laħaq il-figura allarmanti ta' **26.6 miljun filwaqt li l-qgħad fit-tul żdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri u laħaq ammont rekord fl-UE inġenerali; billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar qawwi f'dawk il-pajjiżi li qed iwettqu aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali;**

Emenda

B. billi l-qgħad fl-UE laħaq il-figura allarmanti ta' **26.6 miljun filwaqt li l-qgħad fit-tul żdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri u laħaq ammont rekord fl-UE inġenerali; billi t-tnaqqis fl-impjiegi kien aktar qawwi f'xi pajjiżi li qed iwettqu aktar konsolidazzjoni fiskali sostanzjali;**

Or. en

Emenda 9
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi r-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti, b'medja ta' 23 % għall-UE kollha, u billi f'xi Stati Membri r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-età ta' bejn 16 u 25 sena hija oġhla minn 50 %; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh, indipendentement mil-livell ta'

Emenda

C. billi r-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti, b'medja ta' 23 % għall-UE kollha, u billi f'xi Stati Membri r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-età ta' bejn 16 u 25 sena hija oġhla minn 50 %; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh **kollha**, indipendentement mil-livell ta'

¹ Is-sitwazzjoni tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali: Eżami Trimestrali”), Ottubru 2013.

² Is-sitwazzjoni tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali: Eżami Trimestrali”), Ottubru 2013.

edukazzjoni tagħhom, *li spiss jispiċċaw qegħda jew b'kuntratti ta' impjieg prekarji jew skemi ta' taħriġ bla ħlas*;

edukazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 10 **Evelyn Regner**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa C**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi r-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti, b' medja ta' 23 % għall-UE kollha, u billi f'xi Stati Membri r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-età ta' bejn 16 u 25 sena hija oġhla minn 50 %; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh, indipendentement mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom, li spiss jispiċċaw qegħda jew b'kuntratti ta' impjieg prekarji jew skemi ta' taħriġ bla ħlas;

Emenda

C. billi r-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti, b' medja ta' 23 % għall-UE kollha, u billi f'xi Stati Membri r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-età ta' bejn 16 u 25 sena hija oġhla minn 50 %; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh, indipendentement mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom, li spiss jispiċċaw qegħda jew b'kuntratti ta' impjieg prekarji jew skemi ta' taħriġ bla ħlas; **billi fl-2011 it-telf ekonomiku minħabba n-nuqqas ta' impenn taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol kien stmat għal EUR 153 biljun fl-Istati Membri, li jikkorrispondi għal 1.2 % tal-PDG tal-UE¹**;

Or. en

Emenda 11 **Marian Harkin**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa C**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi r-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti, b' medja ta'

Emenda

C. billi r-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti, b' medja ta'

¹ Eurofound (2012), 'NEETs – Żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ : Karatteristiċi, spejjeż u reazzjonijiet għall-politika fl-Ewropa'. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

23 % għall-UE kollha, u billi f'xi Stati Membri r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-età ta' bejn 16 u 25 sena hija oġhla minn 50 %; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh, indipendentement mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom, li spiss jispiċċaw qegħda jew b'kuntratti ta' impjieg prekarji **jew** skemi ta' taħriġ bla ħlas;

23 % għall-UE kollha, u billi f'xi Stati Membri r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-età ta' bejn 16 u 25 sena hija oġhla minn 50 %; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh, indipendentement mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom, li spiss jispiċċaw qegħda jew b'kuntratti ta' impjieg prekarji, skemi ta' taħriġ bla ħlas **jew m'għandhomx għażla oħra ħliel li jemigraw**;

Or. en

Emenda 12 **Philippe De Backer**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa Ca (ġdida)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi r-riġidità tar-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol f'bosta Stati Membri hija nieqsa minn dik il-flessibbiltà biex tassorbi b'mod effikaċi xokkijiet bħall-kriżi attwali; billi l-leġiżlazzjoni attwali fil-qasam tas-suq tax-xogħol tipproteġi b'mod sproporzjonat persuni b'informazzjoni privileġġjata u tolqot negattivament l-inklużjoni taż-żgħażaġh fil-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 13 **Sari Essayah**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa D**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

D. billi l-qgħad fit-tul qed jiżdied u dan jirriżulta f'qgħad strutturali; billi s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol komplet tiżdied, u f'diversi Stati Membri

D. billi **din kienet ir-riċessjoni l-aktar profonda u li damet l-aktar fl-istorja ekonomika tal-aħħar 100 sena, iżda ġie evitat diżastru, u l-effetti tal-kriżi tqassmu**

d-dħul medju tal-familji qed jonqos u l-indikaturi juru tendenza għal livelli ogħla u forom aktar profondi ta' faqar u esklużjoni soċjali, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu;

fuq ħafna snin, anki għexieren ta' snin, u dawn l-effetti jinkludu li l-qgħad fit-tul għadu qed jiżdied, u *possibilment* dan jirriżulta f'qgħad strutturali; billi s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol kompliet tiżdied, u f'diversi Stati Membri d-dħul medju tal-familji qed jonqos u l-indikaturi juru tendenza għal livelli *daqsejn* ogħla u forom aktar profondi ta' faqar u esklużjoni soċjali, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu *għal xi snin li ġejjin*;

Or. en

Emenda 14 **Philippe De Backer**

Mozzjoni għal risoluzzjoni **Premessa E**

Mozzjoni għal risoluzzjoni

E. billi *d-disktaċċ* tat-taxxa huwa kbir, u f'xi każijiet qed jikber, *speċjalment għal persuni b'paga baxxa u b'żewġ sorsi ta' dħul*, dan għadu japplika għal numru konsiderevoli ta' Stati Membri *u qed iżid l-inugwaljanza*; billi riċentement l-Fond Monetarju Internazzjoni (FMI) innota li hemm *skop għal intaxxar aħjar u b'mod aktar progressiv sabiex titjeb il-leġittimità tal-isforz ta' konsolidazzjoni filwaqt li jsir aktar sforz biex jiġi promoss it-tkabbir u jinkiseb dħul addizzjonali fil-proċess*; billi *hemm* il-bżonn ta' trasferiment tal-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxa sostenibbli;

Emenda

E. billi *d-distakk* tat-taxxa huwa kbir, u f'xi każijiet qed jikber, dan għadu japplika għal numru konsiderevoli ta' Stati Membri; billi riċentement l-Fond Monetarju Internazzjoni (FMI) innota li hemm il-bżonn ta' trasferiment tal-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxa sostenibbli;

Or. en

Emenda 15 **Marije Cornelissen f'isem il-Grupp Verts-ALE**

Mozzjoni għal risoluzzjoni **Premessa E**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi ***d-distakk*** tat-taxxa huwa kbir, u f'xi każijiet qed jikber, speċjalment għal persuni b'paga baxxa u b'żewġ sorsi ta' dħul, dan għadu japplika għal numru konsiderevoli ta' Stati Membri u qed iżid l-inugwaljanza; billi riċentement l-Fond Monetarju Internazzjoni (FMI) innota li hemm skop għal intaxxar aħjar u b'mod aktar progressiv sabiex titjeb il-leġittimità tal-isforz ta' konsolidazzjoni filwaqt li jsir aktar sforz biex jiġi promoss it-tkabbir u jinkiseb dħul addizzjonali fil-proċess; billi hemm il-bżonn ta' trasferiment tal-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxa sostenibbli;

Emenda

E. billi ***d-distakk*** tat-taxxa huwa kbir, u f'xi każijiet qed jikber, speċjalment għal persuni b'paga baxxa u b'żewġ sorsi ta' dħul, dan għadu japplika għal numru konsiderevoli ta' Stati Membri u qed iżid l-inugwaljanza; billi riċentement l-Fond Monetarju Internazzjoni (FMI) innota li hemm skop għal intaxxar aħjar u b'mod aktar progressiv sabiex titjeb il-leġittimità tal-isforz ta' konsolidazzjoni filwaqt li jsir aktar sforz biex jiġi promoss it-tkabbir u jinkiseb dħul addizzjonali fil-proċess; billi hemm il-bżonn ta' trasferiment tal-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxa sostenibbli ***bħal pereżempju t-tassazzjoni ambjentali***;

Or. en

Emenda 16
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi ***l-effetti tal-kriżi u ta' politiki ta' konsolidazzjoni fiskali eċċessivi li kien hemm dawn l-aħħar snin rriżultaw f'diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjeg bejn il-pajjiżi ċentrali u dawk periferiċi***; billi ***d-distakk*** bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f'rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000***. ***billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena***;

Emenda

F. billi ***d-distakk*** bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f'rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000***; ***billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena***;

Or. en

Emenda 17
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi l-effetti tal-kriżi ***u ta' politiki ta' konsolidazzjoni fiskali eċċessivi li kien hemm dawn l-aħħar snin*** rriżultaw f' diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjieg bejn il-pajjiżi ċentrali u dawk periferiċi; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f' rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000. billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena;***

Emenda

F. billi l-effetti tal-kriżi rriżultaw f' diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjieg bejn il-pajjiżi ċentrali u dawk periferiċi; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f' rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000. billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena;***

Or. en

Emenda 18
Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi l-effetti tal-kriżi ***u ta' politiki ta' konsolidazzjoni fiskali eċċessivi li kien hemm dawn l-aħħar snin*** rriżultaw f' diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjieg bejn il-pajjiżi ċentrali u dawk periferiċi; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f' rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000. billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena;***

Emenda

F. billi l-effetti tal-kriżi rriżultaw f' diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjieg bejn il-pajjiżi ċentrali u dawk periferiċi; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f' rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000. billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena;***

Or. en

Emenda 19
Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fa. billi huwa meħtieġ li tiġi segwita konsolidazzjoni fiskali favur it-tkabbir u differenzjata li tiggarrantixxi s-sostenibbiltà tal-istat soċjali u tal-finanzi pubbliċi fit-tul;

Or. en

Emenda 20

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fb. billi t-titjib ekonomiku għandu għalhekk jittieħed bħala inkoraġġiment biex jiġu segwiti sforzi b'determinazzjoni iżda, bit-tnaqqis tar-ritmu sabiex tingħata attenzjoni lit-tkabbir u l-impjiegi, sabiex jinżammu l-programmi ta' riforma għat-titjib tal-kompetittività u jiġi żgurat l-irkupru b'mod dejjiemi;

Or. en

Emenda 21

Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

F. billi l-effetti tal-kriżi u ta' politiki ta' konsolidazzjoni fiskali ***eċċessivi*** li kien hemm dawn l-aħħar snin rriżultaw f'diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjieg bejn il-pajjiżi ċentrali u daww periferiċi; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f'rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta mqabbel ma' ***3.5 punti perċentwali***

F. billi l-effetti tal-kriżi u ta' politiki ta' konsolidazzjoni fiskali, ***jiġifieri bil-Programmi Trojka***, li kien hemm dawn l-aħħar snin rriżultaw f'diverġenza mingħajr preċedenti u li qed tikber fl-output u l-impjieg bejn il-pajjiżi ċentrali u daww periferiċi; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi f'rati ta' qgħad laħaq 10 punti perċentwali fl-2012, meta

biss fis-sena 2000. billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena;

mqabbel ma' 3.5 punti perċentwali biss fis-sena 2000. billi din id-diverġenza hija prevista li tilħaq valur massimu din is-sena;

Or. en

Emenda 22
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

G. billi l-iżbalji sistematiċi fil-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni għat-tkabbir u l-qgħad fi snin riċenti juru l-ħtieġa ta' bidla ta' dijanjosi u ta' strateġija bil-għan li tintemm il-kriżi; billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazżjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti severi fuq id-domanda interna, bi staġnar fl-investment u t-tkabbir u ħolqien dgħajjef ta' impjiegi;

imħassra

Or. en

Emenda 23
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

G. billi l-iżbalji sistematiċi fil-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni għat-tkabbir u l-qgħad fi snin riċenti juru l-ħtieġa ta' bidla ta' dijanjosi u ta' strateġija bil-għan li tintemm il-kriżi; billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazżjonarju ta' ċerti riformi

*G. billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazżjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, **għadhom** qed ikollhom l-istess effetti fuq id-domanda interna, bi staġnar fl-investment u t-tkabbir u ħolqien dgħajjef ta' impjiegi;*

strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti *severi* fuq id-domanda interna, bi stagñar fl-investment u t-**tkabbir** u **ħolqien** dgħajjef ta' impjiegi;

Or. en

Emenda 24 **Marian Harkin**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa G**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi l-**iżbalji** sistematiċi fil-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni għat-**tkabbir** u l-qgħad fi snin riċenti juru l-**ħtieġa** ta' *bidla* ta' *dijanjosi u ta' strateġija bil-għan li tintemm il-kriżi*; billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazżjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti *severi* fuq id-domanda interna, bi stagñar fl-investment u t-**tkabbir** u **ħolqien** dgħajjef ta' impjiegi;

Emenda

G. billi l-**iżbalji** sistematiċi fil-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni għat-**tkabbir** u l-qgħad fi snin riċenti juru l-**ħtieġa** ta' *mudell imtejjeb* ta' *tbassir*; billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazżjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti *severi* fuq id-domanda interna, bi stagñar fl-investment u t-**tkabbir** u **ħolqien** dgħajjef ta' impjiegi;

Or. en

Emenda 25 **Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa G**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi *l-iżbalji sistematiċi fil-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni għat-**tkabbir** u l-qgħad fi snin riċenti juru l-**ħtieġa** ta' bidla ta' dijanjosi u ta' strateġija bil-għan li tintemm il-kriżi*; billi

Emenda

G. billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda *hemm sinjali ċari* ta' *twissija dwar ir-riskju ta' deflazżjoni li flimkien mal-istagñar attwali* fl-investment u t-**tkabbir** u **ħolqien** dgħajjef ta' impjiegi

l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda ***l-impatt deflazzjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti severi fuq id-domanda interna, bi staġnar*** fl-investiment u t-tkabbir u ħolqien dgħajjed ta' impjiegi;

jistgħu jkunu ta' ħsara kbira għall-ekonomija Ewropea u jeħtieġ li jiġu indirizzati;

Or. en

Emenda 26
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi ***l-iżbalji sistematiċi fil-previżjonijiet ekonomiċi*** tal-Kummissjoni ***għat-tkabbir u l-qgħad*** fi snin riċenti juru l-ħtieġa ta' bidla ta' dijanjosi u ta' strateġija bil-għan li tintemm il-kriżi; billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazzjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti severi fuq id-domanda interna, bi staġnar fl-investiment u t-tkabbir u ħolqien dgħajjed ta' impjiegi;

Emenda

G. billi ***l-għażliet politiċi*** tal-Kummissjoni fi snin riċenti juru l-ħtieġa ta' bidla ta' dijanjosi u ta' strateġija bil-għan li tintemm il-kriżi; billi l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali ċkien, iżda l-impatt deflazzjonarju ta' ċerti riformi strutturali, li jiffokaw l-aktar fuq id-domanda esterna, qed ikollhom l-istess effetti severi fuq id-domanda interna, bi staġnar fl-investiment u t-tkabbir u ħolqien dgħajjed ta' impjiegi;

Or. en

Emenda 27
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Ga. billi ***l-aċċelerazzjoni tal-persjoni maħluqa mill-iżviluppi demografiċi fuq il-baġits nazzjonali u s-sistemi tal-persjonijiet issa li l-ewwel koorti "tal-***

Emenda

l-aċċelerazzjoni tal-persjoni maħluqa mill-iżviluppi demografiċi fuq il-baġits nazzjonali u s-sistemi tal-persjonijiet issa li l-ewwel koorti "tal-

ġenerazzjoni ta' 'splużjoni' fir-rata tat-twelid" qegħdin jirtiraw;

Or. en

Emenda 28
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Gb. billi l-istennija tal-għomor qed tkompli tiżdied: tal-irġiel minn 76.7 snin (2010) għal 78.6 snin (2020), tan-nisa minn 82.5 snin (2010) għal 84 sena (2020);

Or. en

Emenda 29
Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Gc. b'kunsiderazzjoni tal-koeffiċjenza tal-istennija tal-għomor bil-għan li s-sistemi tal-pensjonijiet ikunu sostenibbli

Or. en

Emenda 30
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, għalkemm l-iżbilanċi interni bejn Stati Membri żdiedu; **billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" li tiddependi fuq id-domanda esterna u tillimita d-domanda interna mhijiex possibbli għall-membri kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin; billi dan qed iżid l-impatt negattiv (sottovalutat) ta' programmi ta' awsterità simultanji, filwaqt li b'hekk inaqqas id-domanda interna u jirriżulta f'dipendenza żejda fuq id-domanda minn ekonomiji terzi, fi żmien meta hemm sinjali ta' futur li sejjer għall-agħar għall-ekonomiji emerġenti.**

Emenda

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, għalkemm l-iżbilanċi interni bejn Stati Membri żdiedu;

Or. en

Emenda 31
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, **għalkemm l-iżbilanċi interni bejn Stati Membri żdiedu**; billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" li tiddependi fuq id-domanda esterna u tillimita d-domanda interna mhijiex possibbli għall-membri kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin; **billi dan qed iżid l-impatt negattiv (sottovalutat) ta' programmi ta' awsterità simultanji, filwaqt li b'hekk inaqqas id-domanda interna u jirriżulta f'dipendenza żejda fuq id-domanda minn ekonomiji terzi, fi żmien meta hemm sinjali ta' futur li sejjer għall-agħar għall-ekonomiji emerġenti.**

Emenda

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu; billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" li tiddependi fuq id-domanda esterna u tillimita d-domanda interna mhijiex possibbli għall-membri kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin;

Emenda 32
Marian Harkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, għalkemm l-iżbilanċi interni bejn Stati Membri żdiedu; billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" li tiddependi fuq id-domanda esterna u tillimita d-domanda interna mhijiex possibbli għall-membri kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin; billi dan qed iżid l-impatt negattiv (sottovalutat) ta' programmi ta' awsterità simultanji, filwaqt li b'hekk inaqqas id-domanda interna u jirriżulta f'dipendenza żejda fuq id-domanda minn ekonomiji terzi, fi żmien meta hemm sinjali ta' futur li sejjer għall-agħar għall-ekonomiji emerġenti.

Emenda

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, għalkemm l-iżbilanċi interni bejn Stati Membri żdiedu; billi ***r-rata tal-kambju msaħħa tal-euro fil-konfront tad-dollaru u l-isterlina mill-2007 ħolqot aktar diffikultajiet għall-membri fil-bżonn taż-żona tal-euro fl-isforzi tagħhom biex iżidu l-esportazzjonijiet***; billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" li tiddependi fuq id-domanda esterna u tillimita d-domanda interna mhijiex possibbli għall-membri kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin; billi dan qed iżid l-impatt negattiv (sottovalutat) ta' programmi ta' awsterità simultanji, filwaqt li b'hekk inaqqas id-domanda interna u jirriżulta f'dipendenza żejda fuq id-domanda minn ekonomiji terzi, fi żmien meta hemm sinjali ta' futur li sejjer għall-agħar għall-ekonomiji emerġenti.

Or. en

Emenda 33
Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, għalkemm l-iżbilanċi interni

Emenda

H. billi ċerti żbilanċi makroekonomiċi, pereżempju fil-qasam tal-kompetittività esterna tjiebu, għalkemm l-iżbilanċi interni

bejn Stati Membri żdiedu; billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" *li tiddependi fuq id-domanda esterna u tillimita d-domanda interna mhijiex possibbli għall-membri kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin; billi dan qed iżid l-impatt negattiv (sottovalutat) ta' programmi ta' awsterità simultanji, filwaqt li b'hekk inaqqas id-domanda interna u jirriżulta f'dipendenza żejda fuq id-domanda minn ekonomiji terzi, fi żmien meta hemm sinjali ta' futur li sejjer għall-aġar għall-ekonomiji emerġenti.*

bejn Stati Membri żdiedu; billi l-evidenza turi li politika "wieħed tajjeb għal kulħadd" *billi huwa meħtieġ li jitkomplew ir-riformi strutturali biex tissaħħaħ il-kompetittività li trawwem it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi;*

Or. en

Emenda 34
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ħa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi d-distakk fil-kompetittività fi ħdan iż-żona tal-euro huwa rifless fid-diverġenzi tar-rati ta' mgħax sovrani;

Or. en

Emenda 35
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Hb. billi r-rati ta' mgħax sovrani għoljin f'ċerti Stati Membri taż-żona tal-euro huma dovuti għal nuqqas ta' kredibbiltà perċepit fil-kapaċità tagħhom li jwettqu riformi strutturali;

Emenda 36
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Hc. billi ż-żona tal-euro naqset li tuża t-tnaqqis ġenerali tar-rati ta' mgħax sovrani fl-ewwel għaxar snin tal-euro biex tneħħi d-distakk fil-kompetittività, li fost affarijiet oħra kien rifless fl-iżbilanċi tal-kontijiet attwali kbar b'mod persistenti u fil-kost ta' unità lavorattiva li qed jiżdied b'ritmu mgħaġġel;

Or. en

Emenda 37
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Hd. billi l-aġġustament attwali f'ċerti pajjiżi jkun anqas diffiċli mil-lat politiku, ekonomiku u soċjali kieku l-klima ekonomika pożittiva fl-ewwel għaxar snin tal-euro ntużat għall-aġġustament;

Or. en

Emenda 38
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

I. billi l-fokus fuq il-veloċità u l-intensità fit-twettiq ta' riformi strutturali kien asimmetriku fost l-Istati Membri u kien ferm aktar diffiċli għal pajjiżi periferiċi milli għal pajjiżi ċentrali, sitwazzjoni li x'aktarx iżżid l-iżbilanċi fil-ħolqien tat-tkabbir fl-UE;

imħassra

Or. en

Emenda 39
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

I. billi l-fokus fuq il-veloċità u l-intensità fit-twettiq ta' riformi strutturali kien **asimmetriku** fost l-Istati Membri u kien **ferm** aktar diffiċli **għal pajjiżi periferiċi milli għal pajjiżi ċentrali, sitwazzjoni li x'aktarx iżżid l-iżbilanċi fil-ħolqien tat-tkabbir fl-UE;**

I. billi l-fokus fuq il-veloċità u l-intensità fit-twettiq ta' riformi strutturali kien **differenti** fost l-Istati Membri **skont is-sitwazzjoni tagħhom** u kien aktar diffiċli **fil-pajjiżi bl-akbar problemi, iżda l-Istati Membri kollha kellhom jaġġustaw il-finanzi pubbliċi tagħhom;**

Or. en

Emenda 40
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

I. billi l-fokus fuq il-veloċità u l-intensità fit-twettiq ta' riformi strutturali kien asimmetriku fost l-Istati Membri u kien ferm aktar diffiċli għal pajjiżi periferiċi milli għal pajjiżi ċentrali, **sitwazzjoni li x'aktarx**

I. billi l-fokus fuq il-veloċità u l-intensità fit-twettiq ta' riformi strutturali kien asimmetriku fost l-Istati Membri u kien ferm aktar diffiċli għal pajjiżi periferiċi milli għal pajjiżi ċentrali, **billi l-Istati Membri**

iżżid l-iżbilanċi fil-ħolqien tat-tkabbir fl-UE;

kollha għandu jkollhom l-istess spinta u jwettqu r-riformi strutturali meħtieġa;

Or. en

Emenda 41
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi l-akbar sfida li taffaċċja ż-żona tal-euro attwalment hija d-diverġenzi soċjoekonomiċi li dejjem qed jikbru bejn l-Istati Membri; billi l-problemi ta' qgħad u soċjali severi li qed ikunu affaċċjati attwalment jistgħu jinxterdu għal Stati Membri oħra permezz ta' negozju intern, fejn l-erożjoni tal-kapital uman tirriżulta f'deterjorament fil-kompetittività internazzjonali fit-tul, sitwazzjoni li tista' twassal għal deterjorament fil-prinċipji fundamentali ekonomiċi tal-UE inġenerali; billi huwa fl-interess tal-Istati Membri kollha li jiżguraw li l-isfidi tal-impjieg u dawk soċjali jiġu indirizzati f'waqthom u b'mod effettiv;

Emenda

J. billi huwa fl-interess tal-Istati Membri kollha li jiżguraw li l-isfidi tal-impjieg u dawk soċjali jiġu indirizzati f'waqthom u b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 42
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi l-akbar sfida li taffaċċja ż-żona tal-euro attwalment hija d-diverġenzi soċjoekonomiċi li dejjem qed jikbru bejn l-Istati Membri; billi l-problemi ta' qgħad u soċjali severi li qed ikunu affaċċjati

Emenda

J. billi l-Istati Membri kollha għandhom bżonn itejbu il-prestazzjoni u l-kompetittività tagħhom u sfida kbira li qed taffaċċja ż-żona tal-euro attwalment hija d-diverġenzi soċjoekonomiċi li dejjem qed

attwalment jistgħu jinxterdu għal Stati Membri oħra permezz ta' negozju intern, fejn l-erożjoni tal-kapital uman tirriżulta f' deterjorament fil-kompetittività internazzjonali fit-tul, **sitwazzjoni li tista' twassal għal deterjorament fil-prinċipji fundamentali ekonomiċi tal-UE inġenerali**; billi huwa fl-interess tal-Istati Membri kollha li jiżguraw li l-isfidi tal-impjieg u dawk soċjali jiġu indirizzati f' waqthom u b' mod effettiv;

jikbru bejn l-Istati Membri billi l-problemi ta' qgħad u soċjali jistgħu jinxterdu għal Stati Membri oħra permezz ta' negozju intern, fejn l-erożjoni tal-kapital uman tirriżulta f' deterjorament fil-kompetittività internazzjonali fit-tul; billi huwa fl-interess tal-Istati Membri kollha li jiżguraw li l-isfidi tal-impjieg u dawk soċjali jiġu indirizzati f' waqthom u b' mod effettiv;

Or. en

Emenda 43 **Inês Cristina Zuber**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa L**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

L. billi l-SMEs jikkostitwixxu s-sinsla tad-dahar tal-ekonomija tal-UE iżda għad għandhom wisq dejn u għandhom jaffaċċjaw l-oġhla spejjeż ta' kreditu u t-tnaqqis tad-disponibbiltà tal-kreditu; billi negozji aktar żgħar fil-pajjiżi periferiċi qed iħallsu bejn 4 u 6 punti perċentwali aktar għas-self bankarju mill-kontrapartijiet tagħhom fl-Ewropa ċentrali, li jqiegħedhom fi żvantaġġ sinifikanti u b'hekk jostakola l-prospetti tar-reġjun għal tkabbir ekonomiku bilanċjat u ħolqien ta' impjiegi;

Emenda

L. billi l-SMEs jikkostitwixxu s-sinsla tad-dahar tal-ekonomija tal-UE iżda għad għandhom wisq dejn u għandhom jaffaċċjaw l-oġhla spejjeż ta' kreditu u t-tnaqqis tad-disponibbiltà tal-kreditu; billi negozji aktar żgħar fil-pajjiżi periferiċi qed iħallsu bejn 4 u 6 punti perċentwali aktar għas-self bankarju mill-kontrapartijiet tagħhom fl-Ewropa ċentrali, li jqiegħedhom fi żvantaġġ sinifikanti u b'hekk jostakola l-prospetti tar-reġjun għal tkabbir ekonomiku bilanċjat u ħolqien ta' impjiegi; **billi eluf ta' SMEs ta' kuljum minħabba l-limitazzjonijiet tas-suq intern u minħabba t-tnaqqis tad-dħul tal-familji;**

Or. en

Emenda 44 **Marian Harkin**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**Ma. billi l-appoġġ għall-imprendituri
għandu jkun prijorità għall-Istati
Membri;**

Or. en

Emenda 45
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi, swieq tax-xogħol mhux segmentati, **koordinazzjoni ta' negozjar kollettiv u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'riżorsi tajbin (li jservu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi) huma essenzjali** għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi, swieq tax-xogħol mhux segmentati, **billi sistema bbażata fuq riintegrazzjoni rapida fis-suq tax-xogħol u miżuri ta' akkumpanjament ibbażati fuq flessigurtà importanti** għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi **huma essenzjali**;

Or. en

Emenda 46
Marian Harkin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi, swieq tax-xogħol mhux segmentati, koordinazzjoni ta' negozjar kollettiv u sistemi ta' protezzjoni soċjali

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi, swieq tax-xogħol mhux segmentati **u flessibbli**, koordinazzjoni ta' negozjar kollettiv u sistemi ta' protezzjoni

b'riżorsi tajbin (li jservu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi) huma essenzjali għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

soċjali b'riżorsi tajbin (li jservu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi) huma essenzjali għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

Or. en

Emenda 47
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, *istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi*, swieq tax-xogħol *mhux segmentati, koordinazzjoni ta' negozjar kollettiv* u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'riżorsi tajbin (li jservu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi) huma essenzjali għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

Emenda

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, swieq tax-xogħol *li qed jiffunzjonaw sew* u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'riżorsi tajbin *u effiċjenti* (li jservu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi) huma essenzjali għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

Or. en

Emenda 48
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi, swieq tax-xogħol mhux segmentati, koordinazzjoni ta' negozjar kollettiv u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'riżorsi tajbin (*li jservu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi*) huma essenzjali għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

Emenda

N. billi taħlita ta' politika koerenti li tikkombina politiki makroekonomiċi, politiki strutturali, istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sodi, swieq tax-xogħol mhux segmentati, koordinazzjoni ta' negozjar kollettiv u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'riżorsi tajbin huma essenzjali għall-assorbiment tax-xokkijiet ċikliċi;

Emenda 49
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

O. billi *mill-2010 kien hemm diverġenza dejjem tikber fil-kapaċità ta' stabbilizzaturi fiskali nazzjonali biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità Prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel, li komplew aggravaw ir-riċessjoni; billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa', li **identifika** l-ħtieġa għal stabbilizzaturi awtomatiċi fil-livell taż-żona tal-euro;*

Emenda

O. billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa', li **ddiskuta** l-ħtieġa għal stabbilizzaturi awtomatiċi fil-livell taż-żona tal-euro;

Emenda 50
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

O. billi mill-2010 kien hemm diverġenza dejjem tikber fil-kapaċità ta' stabbilizzaturi fiskali nazzjonali biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità Prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li

Emenda

O. billi mill-2010 kien hemm diverġenza dejjem tikber fil-kapaċità ta' stabbilizzaturi fiskali nazzjonali biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità Prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li

l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel, **li komplew aggravaw ir-riċessjoni; billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa', li identifika l-ħtieġa għal stabbilizzaturi awtomatiċi fil-livell taż-żona tal-euro;**

l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel;

Or. en

Emenda 51

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

O. billi mill-2010 kien hemm diverġenza dejjem tikber fil-kapaċità ta' stabbilizzaturi fiskali nazzjonali biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel, li komplew aggravaw ir-riċessjoni; billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa', **li identifika l-ħtieġa għal stabbilizzaturi awtomatiċi fil-livell taż-żona tal-euro;**

Emenda

O. billi mill-2010 kien hemm diverġenza dejjem tikber fil-kapaċità ta' stabbilizzaturi fiskali nazzjonali biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel, li komplew aggravaw ir-riċessjoni; billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa',

Or. en

Emenda 52
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

O. billi mill-2010 kien hemm **diverġenza dejjem tikber fil-kapaċità ta'** stabbilizzaturi **fiskali nazzjonali** biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel, li komplew aggravaw ir-riċessjoni; billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa', li identifika l-ħtieġa għal stabbilizzaturi awtomatiċi fil-livell taż-żona tal-euro;

Emenda

O. billi mill-2010 kien hemm **attakk fuq** stabbilizzaturi **tad-drittijiet soċjali, ekonomiċi u tax-xogħol** biex jikkumbattu l-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi fuq l-impjieg u dawk soċjali tagħha, fejn din il-kapaċità prattikament sparixxiet f'dawk il-pajjiżi li l-aktar li ntlawtu mill-kriżi; billi l-introjti tal-familji, u għalhekk id-domanda domestika, kienu konsegwentement anqas protetti minn qabel, li komplew aggravaw ir-riċessjoni; billi fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament kellu smiġh pubbliku dwar 'Id-dimensjoni soċjali tal-UEM – skema ta' benefiċċju għall-qgħad fl-Ewropa', li identifika l-ħtieġa għal stabbilizzaturi awtomatiċi fil-livell taż-żona tal-euro;

Or. en

Emenda 53
Alejandro Cercas, Sergio Gutiérrez Prieto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

52. Jilqa' r-rikonoxximent tas-SAT 2014 dwar il-ħtieġa li jkunu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-ħarsien soċjali; **madankollu jiddispjaċih li għal darb'oħra ma kienu fformulati l-ebda proposti jew rakkomandazzjonijiet xierqa jew konkreti biex jindirizzaw dan**; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw networks ta' sikurezza, jiżguraw l-effikaċja ta' sistemi tal-benessri u jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-impatt tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku **u tar-riformi fil-**

jikkonformaw il-programmi ta' aġġustament mal-oġġettivi ta' Ewropa 2020;

politika makroekonomika fuq il-progress lejn il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020 *b'mod partikolari* f' dawk l-Istati Membri li jkollhom diffikultajiet finanzjarji u li tilħaq qbil dwar modifiki mmirati sabiex jikkonformaw il-programmi ta' aġġustament mal-oġġettivi ta' Ewropa 2020;

Or. en

Emenda 195
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

52. Jilqa' r-rikonoxximent tas-SAT 2014 dwar il-ħtieġa li jkunu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-ħarsien soċjali; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw networks ta' sikurezza, jiżguraw l-effikaċja ta' sistemi tal-benessri u jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni; *ihēgēg lill-Kummissjoni tikkunsidra l-impatt tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku fuq il-progress lejn il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020 f' dawk l-Istati Membri li jkollhom diffikultajiet finanzjarji u li tilħaq qbil dwar modifiki mmirati sabiex jikkonformaw il-programmi ta' aġġustament mal-oġġettivi ta' Ewropa 2020;*

Emenda

52. Jilqa' r-rikonoxximent tas-SAT 2014 dwar il-ħtieġa li jkunu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-ħarsien soċjali; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw networks ta' sikurezza, jiżguraw l-effikaċja ta' sistemi tal-benessri u jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni;

Or. en

Emenda 196
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

52. Jilqa' r-rikonoxximent tas-SAT 2014 dwar il-ħtieġa li jkunu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-ħarsien soċjali; jistieden lill-Istati Membri jinfurzew networks ta' sikurezza, jiżguraw l-effikaċja ta' sistemi tal-benessri u jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tikkunsidra l-impatt tal-programmi*** ta' aġġustament ekonomiku ***fuq il-progress lejn il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020 f'dawk l-Istati Membri li jkollhom diffikultajiet finanzjarji u li tilħaq qbil dwar modifiki mmirati sabiex jikkonformaw il-programmi ta' aġġustament mal-objettivi ta' Ewropa 2020***;

Emenda

52. Jilqa' r-rikonoxximent tas-SAT 2014 dwar il-ħtieġa li jkunu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-ħarsien soċjali; jistieden lill-Istati Membri jinfurzew networks ta' sikurezza, jiżguraw l-effikaċja ta' sistemi tal-benessri u jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***twaqqaf il-programmi*** ta' aġġustament ekonomiku;

Or. en

Emenda 197

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 52a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda 198

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

52a. Jilqa' l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn li se jgħin lil daww l-aktar milquta mill-faqar fil-ħtiġijiet bażiċi tagħhom; jitlob lill-Istati Membri jużaw il-fondi b'mod xieraq u jindirizzawhom lill-persuni l-aktar fil-bżonn;

Or. en

Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

53. Jieħu nota tal-proposta tas-CSR għal ħafna Stati Membri fir-rigward tar-riformi tal-pensjonijiet; ***jiddispjaċih li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni saru mingħajr referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fil-Green u l-White Papers dwar il-pensjonijiet***; jenfasizza li r-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali u jridu jiġu nnegożjati mas-sħab soċjali biex ikollhom suċċess;

Emenda

53. Jieħu nota tal-proposta tas-CSR għal ħafna Stati Membri fir-rigward tar-riformi tal-pensjonijiet; jenfasizza li r-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali u jridu jiġu nnegożjati mas-sħab soċjali biex ikollhom suċċess;

Or. en

Emenda 199

Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

53. Jieħu nota tal-proposta tas-CSR għal ħafna Stati Membri fir-rigward tar-riformi tal-pensjonijiet; jiddispjaċih li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni saru mingħajr referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fil-Green u l-White Papers dwar il-pensjonijiet; jenfasizza li r-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali ***u jridu jiġu nnegożjati mas-sħab soċjali biex ikollhom suċċess***;

Emenda

53. Jieħu nota tal-proposta tas-CSR għal ħafna Stati Membri fir-rigward tar-riformi tal-pensjonijiet; jiddispjaċih li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni saru mingħajr referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fil-Green u l-White Papers dwar il-pensjonijiet; jenfasizza li r-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali;

Or. en

Emenda 200

Ria Oomen-Ruijten

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

53. Jieħu nota tal-proposta tas-CSR għal ħafna Stati Membri fir-rigward tar-riformi tal-pensjonijiet; **jiddispjaċih** li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni saru mingħajr referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fil-Green u l-White Papers dwar il-pensjonijiet; jenfasizza li r-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali u jridu jiġu nnegożjati mas-sħab soċjali biex ikollhom suċċess;

Emenda

53. Jieħu nota tal-proposta tas-CSR għal ħafna Stati Membri fir-rigward tar-riformi tal-pensjonijiet; **jiddeplora l-fatt** li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni saru mingħajr referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fil-Green u l-White Papers dwar il-pensjonijiet; jenfasizza li r-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali u jridu jiġu nnegożjati mas-sħab soċjali biex ikollhom suċċess;

Or. en

Emenda 201
Konstantinos Poupakis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda 202
Verónica Lope Fontagné, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53a (ġdid)

Emenda

53a. Jenfasizza li r-riformi attwali meħtieġa fis-sistemi tal-pensjonijiet fl-Istati Membri għandhom ikunu mfassla, maħsuba u adottati bil-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom filwaqt li fl-istess ħin ma tiġix ipperikolata l-adegwatezza tal-pensjonijiet, b'konformità sħiħa mal-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali tal-istrateġija UE2020;

Or. en

53a. Jilqa' n-nota tal-Kummissjoni fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014 fejn tinnota li f'ħafna pajjiżi, ir-riformi fil-pensjonijiet għandhom ikunu kompluti billi jkun hemm rabta aktar sistematika bejn l-età tal-irtirar statutorja u l-istennija tal-għomor;

Or. en

Emenda 203

Philippe De Backer, Phil Bennion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 54

54. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; **jemmen li huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar *tiżdied mingħajr ma tiżdied l-età mandatorja tal-irtirar, billi jitnaqqas*** l-għadd ta' nies li jtilqu kmieni mis-suq tax-xogħol; jemmen li sabiex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u toroq oħra ta' ħruġ bikri, li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggerantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li joffru inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

54. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; **jinnota li jista' jkun meħtieġ *tiżdied l-età tal-irtirar obligatorju sabiex tiżdied l-età*** attwali tal-irtirar **jemmen li** l-għadd ta' nies li jtilqu kmieni mis-suq tax-xogħol **għandu jitnaqqas sabiex *tiżdied b'suċċess l-età attwali tal-irtirar***; jemmen li sabiex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u toroq oħra ta' ħruġ bikri, li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggerantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li joffru inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Or. en

Emenda 204
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

54. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; jemmen li **huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar tiżdied mingħajr ma tiżdied l-età mandatorja tal-irtirar, billi jitnaqqas l-għadd ta' nies li jtilqu kmieni mis-suq tax-xogħol; jemmen li** sabiex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u toroq oħra ta' ħruġ bikri, li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggarantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li joffru inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Emenda

54. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; jemmen li sabiex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess **u jitnaqqas l-għadd tan-nies li jtilqu kmieni mis-suq tax-xogħol,** jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u toroq oħra ta' ħruġ bikri, li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggarantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li joffru inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Or. en

Emenda 205
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

54. Jenfasizza l-ħtieġa li **jitwettqu** r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; **jemmen li huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar tiżdied mingħajr ma tiżdied l-età mandatorja tal-irtirar, billi jitnaqqas l-għadd ta' nies li jtilqu kmieni mis-suq tax-xogħol; jemmen li** sabiex l-etajiet

Emenda

54. Jenfasizza l-ħtieġa li **jiġu implimentati** r-riformi meħtieġa sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet **li jiżguraw li s-sistemi pubbliċi tas-sigurtà soċjali jkollhom l-għan ta' riformi ġusti li jippermettu li wieħed jgħix fid-dinjità;**

effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u toroq oħra ta' ħruġ bikri, li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggarrantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li joffru inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Or. en

Emenda 206

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

54a. Jemmen li sabiex jiggarrantixxu l-funzjonament tajjeb u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, l-Istati Membri għandhom jadegwaw l-istennija tal-għomor tal-età tal-irtirar;

Or. en

Emenda 207

Evelyn Regner

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

54a. Jenfasizza li s-sostenibbiltà tal-iskemi tal-pensjonijiet tiddependi ħafna aktar fuq il-proporzjon ta' dipendenza milli fuq l-età mandatorja tal-irtirar; għaldaqstant, jistieden lill-Istati Membri jniedu politiki tas-suq tax-xogħol li jservu

Emenda 208

Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

56. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali, partikolarment il-benefiċċji għall-qgħad, appoġġ minimu tal-introjtu u tassazzjoni progressiva, inizjalment għenu biex inaqqsu l-profondità tar-riċessjoni u stabbilizzaw is-swieq tax-xogħol u l-konsum; jenfasizza, madankollu, li l-kapaċità ta' dawn l-istabbilizzaturi ekonomiċi u soċjali għet imnaqqs **għal ammont minimu assolut minħabba l-miżuri ta' awsterità** f'dawk l-Istati Membri fejn tali stabbilizzaturi huma l-aktar meħtieġa; jinnota li konsegwentement, l-introjti **tall-familji** u d-domanda domestika ġew imħarsa anqas, **li aggrava r-riċessjoni fil-pajjiżi kkonċernati**;

Emenda

56. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali, partikolarment il-benefiċċji għall-qgħad, appoġġ minimu tal-introjtu u tassazzjoni progressiva, inizjalment għenu biex inaqqsu l-profondità tar-riċessjoni u stabbilizzaw is-swieq tax-xogħol u l-konsum; jenfasizza, madankollu, li l-kapaċità ta' dawn l-istabbilizzaturi ekonomiċi u soċjali għet imnaqqs **f'dawk l-Istati Membri fejn tali stabbilizzaturi huma l-aktar meħtieġa**; jinnota li konsegwentement, l-introjti **tal-familji** u d-domanda domestika ġew imħarsa anqas;

Emenda 209

Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

56. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali, partikolarment il-benefiċċji għall-qgħad, appoġġ minimu tal-introjtu u tassazzjoni progressiva, inizjalment għenu biex inaqqsu l-profondità tar-riċessjoni u stabbilizzaw is-swieq tax-xogħol u l-

Emenda

56. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali, partikolarment il-benefiċċji għall-qgħad, appoġġ minimu tal-introjtu u tassazzjoni progressiva, inizjalment għenu biex inaqqsu l-profondità tar-riċessjoni u stabbilizzaw is-swieq tax-xogħol u l-

konsum; *jenfasizza, madankollu, li l-kapaċità ta' dawn l-istabbilizzaturi ekonomiċi u soċjali ġiet imnaqqs għal ammont minimu assolut minħabba l-miżuri ta' awsterità f'dawk l-Istati Membri fejn tali stabbilizzaturi huma l-aktar meħtieġa; jinnota li konsegwentement, l-introjti tall-familji u d-domanda domestika ġew imħarsa anqas, li aggrava r-riċessjoni fil-pajjiżi kkonċernati;*

konsum;

Or. en

Emenda 210
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

56. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali, partikolarment il-benefiċċji għall-qgħad, appoġġ minimu tal-introjtu u tassazzjoni progressiva, *inizjalment* għenu biex inaqqsu *l-profondità tar-riċessjoni u stabbilizzaw is-swieq tax-xogħol u l-konsum; jenfasizza, madankollu, li l-kapaċità ta' dawn l-istabbilizzaturi ekonomiċi u soċjali ġiet imnaqqs għal ammont minimu assolut minħabba l-miżuri ta' awsterità f'dawk l-Istati Membri fejn tali stabbilizzaturi huma l-aktar meħtieġa; jinnota li konsegwentement, l-introjti tall-familji u d-domanda domestika ġew imħarsa anqas, li aggrava r-riċessjoni fil-pajjiżi kkonċernati;*

Emenda

56. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali, partikolarment il-benefiċċji għall-qgħad, appoġġ minimu tal-introjtu u tassazzjoni progressiva għenu biex inaqqsu *l-effetti soċjali tal-kriżi;*

Or. en

Emenda 211
Heinz K. Becker

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

56a. Jemmen, li l-introduzzjoni ta' Sistemi ta' Bonus-Malus toħloq sitwazzjoni ta' rebħa għall-partijiet kollha involuti;

Or. en

**Emenda 212
Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

57. Jenfasizza li l-politiki soċjali u l-istandards soċjali ntużaw b'mod wiesa' bħala fatturi ta' aġġustament minn dawk il-membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi; ***jinnota li tali devalwazzjonijiet interni kellhom konsegwenzi soċjali drastiċi għall-istati soċjali nazżjonali u ċ-ċittadini tagħhom, li rriżulta f'emerġenza soċjali f'diversi Stati Membri;***

57. Jenfasizza li l-politiki soċjali u l-istandards soċjali ntużaw b'mod wiesa' bħala fatturi ta' aġġustament minn dawk il-membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi;

Or. en

**Emenda 213
Sari Essayah**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

57. Jenfasizza li l-politiki soċjali u l-istandards soċjali ntużaw b'mod wiesa' bħala fatturi ta' aġġustament minn dawk il-membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi; jinnota li tali

57. Jenfasizza li l-politiki soċjali u l-istandards soċjali ntużaw b'mod wiesa' bħala fatturi ta' aġġustament minn dawk il-membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi; jinnota li tali

devalwazzjonijiet interni kellhom
konsegwenzi soċjali drastiċi għall-istati
soċjali nazzjonali u ċ-ċittadini tagħhom, **li
rriżulta f'emerġenza soċjali f'diversi Stati
Membri;**

devalwazzjonijiet interni kellhom
konsegwenzi soċjali drastiċi għall-istati
soċjali nazzjonali u ċ-ċittadini tagħhom;

Or. en

Emenda 214
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

57. Jenfasizza li l-politiki soċjali **u l-istandards soċjali ntużaw b'mod wiesa' bħala fatturi ta' aġġustament** minn dawk il-membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi; **jinnota li tali devalwazzjonijiet interni kellhom konsegwenzi soċjali drastiċi għall-istati soċjali nazzjonali u ċ-ċittadini tagħhom, li rriżulta f'emerġenza soċjali f'diversi Stati Membri;**

Emenda

57. Jenfasizza li l-politiki soċjali **għew effettwati mir-rekwiżiti tal-konsolidazzjoni fiskali** minn dawk il-membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi **Jitlob lill-Istati Membri jtejbu l-adeqwatezza u l-effikaċja tas-sistemi ta' ħarsien soċjali, u jiżguraw li dawn ikomplu jaġġixxu bħala protetturi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;**

Or. en

Emenda 215
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

58. Jiddispijaċih li s-SAT 2014 ma ssemmix l-istabbilizzaturi soċjali Ewropej; jenfasizza l-importanza ta' dan it-tip ta' mekkaniżmu fil-kuntest ta' spazju limitat għall-baġits nazzjonali fil-UEM; ifakkar l-importanza ta' tali stabbilizzaturi fl-indirizzar tax-xokkijiet asimmettriċi, fl-evitar ta' tnaqqis eċċessiv tal-istati soċjali

Emenda

imħassar

nazzjonali u b'hekk tisħiħ fis-sostenibbiltà tal-UEM kollha; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproduċi Green Paper dwar l-istabbilizzaturi awtomatiċi fiż-żona tal-euro;

Or. en

Emenda 216
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

58. Jiddispjaċih li s-SAT 2014 ma ssemmix l-istabbilizzaturi soċjali Ewropej; jenfasizza l-importanza ta' dan it-tip ta' mekkaniżmu fil-kuntest ta' spazju limitat għall-baġits nazzjonali fil-UEM; ifakkar l-importanza ta' tali stabbilizzaturi fl-indirizzar tax-xokkijiet asimetriċi, fl-evitar ta' tnaqqis eċċessiv tal-istati soċjali nazzjonali u b'hekk tisħiħ fis-sostenibbiltà tal-UEM kollha; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproduċi Green Paper dwar l-istabbilizzaturi awtomatiċi fiż-żona tal-euro;

imħassar

Or. en

Emenda 217
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

59. Jistieden lill-Kunsill Ewropew li se jiltaqa' f'Diċembru 2013 biex jiddefinixxi passi konkreti 'l quddiem fir-rigward tal-bini ta' pilastru soċjali u tal-impjeg ġenwin bħala parti mill-UEM abbażi tal-

imħassar

metodu Komunitarju u biex jelabora iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad bħala stabbilizzatur awtomatiku għaż-żona tal-euro,

Or. en

Emenda 218
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

59. Jistieden lill-Kunsill Ewropew li se jiltaqa' f'Diċembru 2013 biex jiddefinixxi passi konkreti 'l quddiem fir-rigward tal-bini ta' pilastru soċjali u tal-impjieg ġenwin bħala parti mill-UEM abbażi tal-metodu Komunitarju *u biex jelabora iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad bħala stabbilizzatur awtomatiku għaż-żona tal-euro,*

Emenda

59. Jistieden lill-Kunsill Ewropew li se jiltaqa' f'Diċembru 2013 biex jiddefinixxi passi konkreti 'l quddiem fir-rigward tal-bini ta' pilastru soċjali u tal-impjieg ġenwin bħala parti mill-UEM abbażi tal-metodu Komunitarju;

Or. en

Emenda 219
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

59. Jistieden *lill-Kunsill Ewropew li se jiltaqa' f'Diċembru 2013 biex jiddefinixxi passi konkreti 'l quddiem fir-rigward tal-bini ta' pilastru soċjali u tal-impjieg ġenwin bħala parti mill-UEM abbażi tal-metodu Komunitarju u* biex *jelabora* iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad

Emenda

59. Jistieden *lill-Kummissjoni tevalwa l-possibiltajiet tal-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-UEM* u biex *telabora* iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad bħala stabbilizzatur awtomatiku għaż-żona tal-euro;

bħala stabbilizzatur awtomatiku għaż-żona tal-euro,

Or. en

Emenda 220
Heinz K. Becker

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

59a. Jenfasizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħraf l-importanza tal-persuni li jindukraw - kemm għall-provvista tal-kura kif ukoll għall-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi - l-interessi tagħhom rarament jiġu kkunsidrati fil-politiki li jħallu impatt fuqhom b'mod konsistenti u mingħajr eċċezzjoni;

Or. en

Emenda 221
Heinz K. Becker

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

59b. Jemmen, li l-finanzjament mill-UE jista' jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità tal-persuni li jindukraw fir-rigward tal-provvista tal-appoġġ (eż. appoġġ emozzjonali, skambji, u informazzjoni) u tal-affermazzjoni. Jista' wkoll jappoġġja l-iskambju ta' informazzjoni, riċerka u netwerking; jistgħu jiġu esplorati miżuri leġiżlattivi - filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza nazżjonali u l-prinċipju tas-solidarjetà - eż Direttiva dwar il-liv tal-persuni li jindukraw;

Emenda 222
Heinz K. Becker

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

59c. Jenfasizza l-ħtiġijiet li ġejjin għal persuni kwalifikati li jindukraw minħabba bidliet demografiċi u l-ħtieġa li jiġu salvagwardati kemm it-taħriġ kif ukoll l-edukazzjoni għal persuni li jindukraw futuri sabiex jiġi evitat il-kollaps tas-sistema kollha tal-kura u tas-sigurtà soċjali; jikkunsidra wkoll l-importanza li jingħata l-appoġġ massimu għal persuni li jindukraw (b'mod speċjali persuni li jindukraw b'mod informali) li l-kontribut tagħhom jeħtieġ li jiġi rikonossut;

Or. en

Emenda 223
Heinz K. Becker

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59 d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

59d. Jenfasizza l-importanza tas-servizzi tal-ospizju u dawk palljativi bħala parti mill-kura fit-tul; jinnota, li minħabba l-kompożizzjoni multiprofessjonali, il-flessibbiltà, u l-kooperazzjoni ma' setturi oħrajn professjonali, il-persuni li jindukraw u l-utenti tat-Timijiet palljativi Mobbli għandhom il-potenzjal li jnaqqsu d-differenzi kruċjali fis-sistemi ta' kura fit-tul;

Or. en

Emenda 224
Marije Cornelissen f'isem il-Grupp Verts-ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

59a. Jistieden lill-Istati Membri jimpennaw ruħhom biex iżidu r-riżultati tal-konsultazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mas-sħab soċjali, fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom, flimkien ma' spjegazzjoni kif l-input tagħhom twettaq f'dawn il-Programmi; Jitlob lill-Kummissjoni tikkoordina dan l-eżerċizzju annwali;

Or. en

Emenda 225
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

60. Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE;

imħassar

Or. en

Emenda 226
Marije Cornelissen f'isem il-Grupp Verts-ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

60. Jenfasizza li **r-riformi** kollha **tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati** fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE;

Emenda

60. Jenfasizza li **l-gwida politika** kollha **tal-UE fil-qasam tal-affarijiet soċjali u tal-impjiegi għandha tkun ibbażata** fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE; **jistieden lill-Kummissjoni u lis-sħab soċjali jużaw ir-riżultati tad-djalogu makroekonomiku u tas-samits soċjali tripartiti bħala input dirett għas-SAT, il-JER u t-tħejjija tas-CSRs; Jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf kull pressjoni fuq l-Istati Membri biex jiddecentralizzaw in-negozjar kollettiv;**

Or. en

Emenda 227

Verónica Lope Fontagné

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

60. Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali **fil-livell tal-UE**;

Emenda

60. Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali;

Or. en

Emenda 228

Evelyn Regner

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

60. Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE;

Emenda

60. Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE **kif ukoll fil-livell**

Emenda 229

Marije Cornelissen f'isem il-Grupp Verts-ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

61. Jenfasizza li t-Trojka kkonfermat li parteċipazzjoni ta' kwalità għolja mis-sħab soċjali u djalogu soċjali b'saħħtu, inkluż fil-livell nazzjonali, huma essenzjali għas-suċċess ta' kwalunkwe riforma, u li partikolarment fir-riformi tal-UEM, ir-rwol tas-sħab soċjali fil-proċess ġdid ta' governanza ekonomika, speċjalment fis-Semestru Ewropew, għandu jiġi infurzat; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tinvolvi s-sħab soċjali b'mod aktar sħiħ fil-proċess tas-Semestru Ewropew, fost l-oħrajn fil-qafas tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali qabel l-adozzjoni annwali tas-SAT;

Emenda

61. *Ifakkar li l-governanza tajba tal-UEM u l-impatti tagħha jistgħu jkunu effikaċi biss jekk ikunu involuti l-partijiet interessati kollha, inklużi s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili;* jenfasizza li t-Trojka kkonfermat li parteċipazzjoni ta' kwalità għolja mis-sħab soċjali u djalogu soċjali b'saħħtu, inkluż fil-livell nazzjonali, huma essenzjali għas-suċċess ta' kwalunkwe riforma, u li partikolarment fir-riformi tal-UEM, ir-rwol tas-sħab soċjali fil-proċess ġdid ta' governanza ekonomika, speċjalment fis-Semestru Ewropew, għandu jiġi infurzat; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tinvolvi s-sħab soċjali b'mod aktar sħiħ fil-proċess tas-Semestru Ewropew, fost l-oħrajn fil-qafas tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali qabel l-adozzjoni annwali tas-SAT; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-prinċipju demokratiku tad-djalogu ċivili, minqux fl-Artikolu 11 tat-TUE, bl-involviment sinifikanti u strutturat tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti fil-governanza ekonomika, u b'mod partikolari fil-proċess tas-Semestru Ewropew;***

Emenda 230

Inês Cristina Zuber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

61. Jenfasizza li *t-Trojka kkonfermat li parteċipazzjoni ta' kwalità għolja mis-sħab soċjali u djalogu soċjali b'saħħtu, inkluż fil-livell nazzjonali, huma essenzjali għas-suċċess ta' kwalunkwe riforma, u li partikolarment fir-riformi tal-UEM, ir-rwol tas-sħab soċjali fil-proċess ġdid ta' governanza ekonomika, speċjalment fis-Semestru Ewropew, għandu jiġi infurzat; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tinvolvi s-sħab soċjali b'mod aktar sħiħ fil-proċess tas-Semestru Ewropew, fost l-oħrajn fil-qafas tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali qabel l-adozzjoni annwali tas-SAT;*

Emenda

61. Jenfasizza li *programmi tat-Trojka jirtiraw is-sovranià politika u jattakkaw l-istituzzjonijiet demokratiċi u korpi sovrani nazzjonali;*

Or. en

**Emenda 231
Marije Cornelissen f'isem il-Grupp Verts-ALE**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni -1a (ġdida)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni -1: dwar l-oqsma prijoritarji ewlenin tas-Semestru Ewropew

Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kunsill Ewropew jirrevedi ħames oqsma prijoritarji ewlenin għas-Semestru Ewropew 2014, billi jżid bħala qasam prijoritarju ewlieni ġdid, sistemi fiskali aktar ġusti fejn il-piż tat-taxxa jitneħħa mill-ħaddiema u jiġi trasferit għat-tniġġis u jiġu miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi fiskali;

Or. en

Emenda 232
Sari Essayah

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Anness

imħassar

Or. en

Emenda 233
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 1: dwar l-Indikaturi
Soċjali

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-indikatori soċjali vinkolanti sabiex tqieghdom fl-istess livell bħat-tabella ta' valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

Il-Kummissjoni għandha tinkludi indikaturi supplementari fit-tabella ta' valutazzjoni, b'mod partikolari livelli ta' faqar fost it-tfal, indiċi ta' xogħol deċenti u indiċi Ewropew tal-paga li tiggarrantixxi l-għajxien, sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni xierqa tas-sitwazzjoni soċjali fl-Ewropa;

Il-Kummissjoni għandha tuża t-tabella ta' valutazzjoni soċjali mhux biss bħala għodda analitika, iżda wkoll bħala bażi għall-iżvilupp ta' indikazzjonijiet konkreti

għall-Istati Membri rigward kif jiġġieldu kontra l-qgħad jew jevitawh, inaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u jippromwovu l-inklużjoni attiva u jipprevjenu d-dumping soċjali, li mbagħad jiġu inklużi fid-disinn u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) tal-2014;

Il-Kunsill għandu jiddefinixxi punti ta' riferiment speċifiċi għall-indikaturi soċjali u tal-impjeg fil-forma ta' bażi ta' protezzjoni soċjali tal-UE sabiex jiskattaw miżuri ta' attivazzjoni fil-waqt fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 234

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-indikaturi soċjali vinkolanti sabiex tqiegħdhom fl-istess livell bħat-tabella ta' valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

imħassar

Or. en

Emenda 235

Alejandro Cercas, Sergio Gutiérrez Prieto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-valutazzjoni tal-impatt soċjali mwettqa għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

Emenda 236

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 1 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kunsill għandu jiddefinixxi punti ta' riferiment speċifiċi għall-indikaturi soċjali u tal-impjieg ***fil-forma ta' bażi ta' protezzjoni soċjali tal-UE*** sabiex jiskattaw miżuri ta' ***attivazzjoni*** fil-waqt fil-livell tal-UE;

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tipproponi punti ta' riferiment speċifiċi għall-indikaturi soċjali u tal-impjieg sabiex jiskattaw miżuri ta' ***appoġġ*** fil-waqt fil-livell tal-UE;

Emenda 237

Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 2: Il-Eurogrupp fil-livell tal-ministri għax-xogħol u għall-affarijiet soċjali

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-Eurogrupp għandu jiltaqa' fil-livell tal-Ministri għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali qabel is-samits tal-Euro sabiex jintegraw aħjar it-tħassib soċjali u tal-impjieg fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet taż-żona tal-euro, u biex jagħtu l-kontribut tagħhom għal-laqgħat tal-Kaprijiet ta' Istat u tal-Gvern taż-żona tal-euro;

Emenda

imħassra

Emenda 238

Verónica Lope Fontagné

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 2**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Il-Eurogrupp fil-livell tal-ministri għax-xogħol u għall-affarijiet soċjali

imħassra

Il-Eurogrupp għandu jiltaqa' fil-livell tal-Ministri għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali qabel is-samits tal-Euro sabiex jintegraw aħjar it-tħassib soċjali u tal-impjiegi fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet taż-żona tal-euro, u biex jagħtu l-kontribut tagħhom għal-laqgħat tal-Kaprijiet ta' Istat u tal-Gvern taż-żona tal-euro;

Emenda 239

Philippe De Backer

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 3**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 3: Ftehim biex Jiżdiedu l-Investimenti u l-Produttività fl-UE

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-Kummissjoni għandha tiffoka b'mod aktar ambizzjuż fuq l-istimolazzjoni mill-ġdid tad-domanda interna, li għadha wiegħfa u se tkun importanti ħafna biex toħloq impjiegi sostenibbli u produttività u

tevita r-riskji deflazzjonarji;

Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom urġentement ipoġġu fis-seħħ pjan ambizzjuż u koordinat ta' investment u finazjament progressiv, sabiex isostni t-tkabbir u l-impjiegi ta' kwalità fi żmien qasir, kif ukoll itejjeb il-potenzjal fi żmien medju skont l-oġettivi definiti fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi li sar ftehim dwaru f'Ġunju 2012.

L-Istati Membri għandhom jipproteġu u jippromwovu l-investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora u tippromwovi r-riformi meħtieġa biex teskludi dawn l-investimenti produttivi mill-miri tad-defiċit stabbiliti fir-regoli tal-UE sabiex tagħmel delimitazzjoni tagħhom, minħabba l-potenzjal tagħhom li jiġġeneraw it-tkabbir u l-impjiegi;

L-impenji stabbiliti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2014 għandhom ikunu suffiċjenti biex jissodisfaw l-oġettivi Ewropa 2020.

L-Istati Membri għandhom jallokaw b'mod aktar effettiv l-użu tal-baġits nazzjonali tagħhom għall-kisba tal-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Il-Fondi Ewropej

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Fid-dawl tar-rwol ewlieni li għandha l-politika ta' koeżjoni fl-iżvilupp ta' programmi nazzjonali fl-ambitu tal-qafas tas-Semestru Ewropew, din il-politika għandha tkun il-fokus primarju tas-SAT 2014; Il-Kummissjoni għandha tiggarrantixxi li livell suffiċjenti ta' fondi tal-UE jkun dedikat għall-kisba tal-oġettivi tal-Ewropa 2020;

Il-Kummissjoni għandha tipprogramma mill-ġdid b'urġenza l-Fondi Strutturali li ma ntefqux favur programmi ta' impjeg

għaż-żgħażagħ u l-SMEs. Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet speċjali għal dawk il-pajjiżi b'rati ta' qgħad għoljin ħafna li, minħabba problemi ta' kofinanzjament, se jiġu sfurzati jirritornaw il-fondi Ewropej; F'dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li teskludi Stati Membri mill-jipparteċipaw f'kofinanzjament ta' fondi jew programmi tal-UE, fi ħdan l-intestatura 1 "Tkabbir sostenibbli" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, mill-kalkolu tad-defiċit strutturali kif definit fit-"two-pack".

Il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju tal-frontloading (forniment minn qabel) għall-fondi kollha tal-perjodu 2014-2020 għal dawk l-Istati Membri li għandhom l-ogħla livelli ta' qgħad u li għaddejjin minn proċessi profondi ta' konsolidazzjoni fiskali, speċjalment għall-programmi li jkabbiru tkabbir ekonomiku, l-impjieg u l-investimenti strateġiċi;

Tal-anqas 25 % tal-fondi ta' koeżjoni nazzjonali għandhom jintużaw għal programmi speċifiċi mill-Fond Soċjali Ewropew f'dawk l-Istati Membri bl-ogħla livelli ta' qgħad u ta' faqar;

Or. en

Emenda 240
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 3 – Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tiffoka b'mod aktar ambizzjuż fuq l-istimolazzjoni mill-ġdid tad-domanda interna, li għadha wieqfa u se tkun importanti ħafna biex toħloq impjegi sostenibbli u produttività u tevita r-riskji deflazżjonarji;

Emenda

Jenfasizza li, sabiex toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżi ekonomika, tkun aktar kompetittiva u konverġenti, ikollha livelli ogħla ta' tkabbir u tiżgura s-sistemi soċjali tagħna fuq terminu ta' żmien twil, l-Ewropa għandha tippromwovi servizzi

pubbliċi ta' kwalità, tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tal-forza tax-xogħol tagħha sabiex tiżgura d-drittijiet tal-ħaddiema, tippromwovi n-negozjar kollettiv u s-sigurtà soċjali pubblika universali;

Or. en

Emenda 241

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 3 – Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

L-Istati Membri għandhom jipproteġu u jippromwovu l-investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. ***Jistieden lill-Kummissjoni tesplora u tippromwovi r-riformi meħtieġa biex teskludi dawn l-investimenti produttivi mill-miri tad-defiċit stabbiliti fir-regoli tal-UE sabiex tagħmel delimitazzjoni tagħhom, minħabba l-potenzjal tagħhom li jiġġeneraw it-tkabbir u l-impjiegi;***

Emenda

L-Istati Membri għandhom jipproteġu u jippromwovu l-investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 242

Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 3 – Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

L-impenji stabbiliti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2014 għandhom ikunu suffiċjenti biex jissodisfaw l-obiettivi Ewropa 2020.

Emenda

Jirrakkomanda li l-Istati Membri, partikolarment il-pajjiżi fil-periferija tal-ekonomija, biex jiżviluppaw politiki li jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-produzzjoni u l-produzzjoni ta' apparat nazzjonali, li jissostitwixxu l-importazzjonijiet bil-produzzjoni domestika, miżuri effettivi biex jitnaqqsu

L-Istati Membri għandhom jallokaw b'mod aktar effettiv l-użu tal-baġits nazzjonali tagħhom għall-kisba tal-obiettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

l-ispejjeż tal-fatturi tal-produzzjoni: enerġija, trasport, komunikazzjonijiet, kreditu, eċċ, jaħtfu l-kontroll sovrani tar-riżorsi nazzjonali, l-iżvilupp tas-suq intern bħala komponent ta' tkabbir ekonomiku; appoġġ effettiv lil intrapriżi mikro, żgħar u medji, id-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra lil hinn mill-UE;

Politika li timplimenta t-tmiem tal-privatizzazzjoni u l-irkupru tal-kontroll pubbliku ta' setturi strateġiċi tal-ekonomija nazzjonali, inkluża n-nazzjonalizzazzjoni tal-banek li jitqiegħdu għas-servizz tal-ħaddiema u n-nies, appoġġ effettiv lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, id-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra lil hinn mill-UE.

Or. en

Emenda 243
Marije Cornelissen f'isem il-Grupp Verts-ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 3 – Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha **tipprogramma mill-ġdid b'urġenza l-Fondi Strutturali li ma ntefqux** favur **programmi ta' impjieġ għaż-żgħażaġh u l-SMEs**. Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet speċjali għal dawk il-pajjiżi b'rati ta' qgħad għoljin ħafna li, minħabba problemi ta' kofinanzjament, se jiġu sfurzati jirritornaw il-fondi Ewropej; F'dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li teskludi Stati Membri milli jipparteċipaw f'kofinanzjament ta' fondi jew programmi tal-UE, fi ħdan l-intestatura l "**Tkabbir sostenibbli**" tal-Qafas Finanzjarju

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tiżgura t-twaqqif tal-programmi Operattivi li l-Istati Membri jimmiraw għall-fondi** strutturali **tagħhom** favur **il-ħolqien tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-qgħad taż-żgħażaġh**. Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet speċjali għal dawk il-pajjiżi b'rati ta' qgħad għoljin ħafna li, minħabba problemi ta' kofinanzjament, se jiġu sfurzati jirritornaw il-fondi Ewropej; F'dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li teskludi Stati Membri milli jipparteċipaw f'kofinanzjament ta' fondi jew programmi tal-UE, fi ħdan l-intestatura

Pluriennali, mill-kalkolu tad-defiċit strutturali kif definit fit-“two-pack”.

1 “Tkabbir sostenibbli” tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, mill-kalkolu tad-defiċit strutturali kif definit fit-“two-pack”.

Or. en

Emenda 244

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 3 – Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tipprogramma mill-ġdid b’urġenza l-Fondi Strutturali li ma ntefqux favur programmi ta’ impjieg għaż-żgħażaġh u l-SMEs. Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet speċjali għal dawk il-pajjiżi b’rati ta’ qgħad għoljin ħafna li, minħabba problemi ta’ kofinanzjament, se jiġu sfurzati jirritornaw il-fondi Ewropej; ***F’dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li teskludi Stati Membri milli jipparteċipaw f’kofinanzjament ta’ fondi jew programmi tal-UE, fi ħdan l-intestatura 1 "Tkabbir sostenibbli" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, mill-kalkolu tad-defiċit strutturali kif definit fit-“two-pack”.***

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tipprogramma mill-ġdid b’urġenza l-Fondi Strutturali li ma ntefqux favur programmi ta’ impjieg għaż-żgħażaġh u l-SMEs. Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet speċjali għal dawk il-pajjiżi b’rati ta’ qgħad għoljin ħafna li, minħabba problemi ta’ kofinanzjament, se jiġu sfurzati jirritornaw il-fondi Ewropej;

Or. en

Emenda 245

Marije Cornelissen f’isem il-Grupp Verts-ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 3 – Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju tal-frontloading (forniment minn qabel) ***għall-fondi kollha*** tal-perjodu 2014-2020 għal dawk l-Istati Membri li

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju tal-frontloading (forniment minn qabel) ***għal dawk il-fondi essenzjali għall-irkupru tal-kriżijiet bħall-Fond Soċjali***

għandhom l-ogħla livelli ta' qgħad u li għaddejjin minn proċessi profondi ta' konsolidazzjoni fiskali, speċjalment għall-programmi li jkabbbru t-tkabbir ekonomiku, l-impjieġ u l-investimenti strateġiċi;

Ewropew tal-perjodu 2014-2020 filwaqt li jkun hemm monitoraġġ b'attenzjoni għal effetti mhux mixtieqa ta' frontloading bħal ma huwa r-riskju ta' diżimpenn awtomatiku u l-impatt fuq il-profilu tal-pagamenti għal dawk l-Istati Membri li għandhom l-ogħla livelli ta' qgħad u li għaddejjin minn proċessi profondi ta' konsolidazzjoni fiskali, speċjalment għall-programmi li jkabbbru t-tkabbir ekonomiku, l-impjieġ u l-investimenti strateġiċi;

Or. en

Emenda 246
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 4: Impjiegi ta' kwalità u Pagi Diċenti biex tiżdied il-produttività

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Kostijiet ta' Unità Lavorattiva, kostijiet tal-produzzjoni u marġnijiet tal-profitt

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu nota li l-irkupru tal-kompetittività Ewropea b'aġġustament eċċessiv tal-kostijiet ta' unità lavorattiva permezz ta' tnaqqis fis-salarju naqqas bil-kbir il-kapaċità tal-akkwist ta' diversi ħaddiema tal-UE, naqqas id-dħul tall-familji u naqqas id-domanda interna, filwaqt li b'hekk ta spinta lill-qgħad u l-esklużjoni soċjali, partikolarment f'dawk il-pajjiżi li ntliaqtu l-aġar mill-kriżi; Jitlob lill-Kummissjoni tirrimedja s-sitwazzjoni.

Il-politika traversali għall-kisba mill-ġdid tal-kompetittività għandha tikkontempla wkoll l-istrateġiji dwar kostijiet oħra tal-

produzzjoni, iżviluppi tal-prezzijiet u marġnijiet tal-profit;

Il-Kummissjoni għandha ssegwi ħruġ aktar ibbilanċjat mill-kriżi u tqiegħed l-ambizzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet għall-pajjiżi ċentrali b'marġni ta' manuvra biex isegwu politiki espansjonarji permezz ta' żidiet fil-pagi li jistgħu jgħinu jnaqqsu l-pressjonijiet deflazjonarji fuq in-nofsinar tal-Ewropa u jgħinu jevitaw ir-riskji li jiżdedu l-iżbilanċi fit-tkabbir u fil-ħolqien tal-impjegi fiż-żona tal-euro;

Il-Kummissjoni għandha tieħu nota li l-istrateġija attwali tat-titjib tal-kompetittività esterna, li tikkontribwixxi għal pressjonijiet deflazjonarji għall-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin timminimizza r-riżultati netti previsti f'termini ta' domanda esterna li dejjem tikber, askapitu tad-domanda interna;

Salarji u Paga Diċenti

Il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri li jindirizzaw l-inugwaljanza u jggarantixxu paga diċenti; Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-faqar fost dawk li jaħdmu billi jsegwi politiki tas-suq tax-xogħol li jimmiraw li jiżguraw pagi li jggarantixxu l-għajxien għal dawk li jaħdmu, li mhuwiex importanti biss għall-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja fis-soċjetà iżda hu importanti wkoll biex iżomm l-ekonomija b'saħħitha.

Il-Kummissjoni għandha tesplora li tnaqqas il-pressjoni fuq il-pagi permezz ta' skemi ta' paga minima li jippermettilhom li jkunu differenti f'kull pajjiż fir-rigward tal-proporzjon ta' paga mezzana tiegħu u li jirriflettu livelli differenti ta' produttività, jillimitaw il-kompetittività nominali u l-iżbilanċi tal-kontijiet attwali;

Il-Kwalità tal-Impjegi

Tirakkomanda li tingħata aktar enfasi lis-CSR 2014 tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-impjegi li hija essenzjali

f'ekonomija b'għarfien intensiv sabiex tippromwovi produttività għolja tax-xogħol u innovazzjoni rapida abbażi ta' forza tax-xogħol bi standards diċenti tas-saħħa u s-sikurezza, sens ta' sigurtà u ħinijiet tax-xogħol raġonevoli; Il-gwida tal-politika għandha tiffoka partikolarment fir-rigward tal-aċċess tal-ħaddiema għal sett ewlieni ta' drittijiet tax-xogħol, kif stabbiliti fit-Trattati u mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;

Tiġġieled kontra l-eżistenza u l-proliferazzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u impjeg indipendenti falz u biex jiġi żgurat li persuni b'kuntratti temporanji jew part-time jew li jaħdmu għal rashom ikollhom protezzjoni soċjali adegwata u aċċess għal taħriġ;

Tiżgura l-infurzar effettiv tad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjeg u x-xogħol;

Or. en

Emenda 247

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 4 – Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu nota li l-irkupru tal-kompetittività Ewropea b'aġġustament eċċessiv tal-kostijiet ta' unità lavorattiva permezz ta' tnaqqis fis-salarju naqqas bil-kbir il-kapaċità tal-akkwist ta' diversi ħaddiema tal-UE, **naqqas id-dħul tall-familji u naqqas** id-domanda interna, filwaqt li b'hekk **ta** spinta lill-qgħad u l-esklużjoni soċjali, partikolarment f'dawk il-pajjiżi li ntliaqtu l-aġħar mill-kriżi; Jitlob lill-Kummissjoni **tirrimedja s-sitwazzjoni**.*

Emenda

*Jitlob għal swieq tax-xogħol aktar adattivi u dinamiċi, li kapaċi jadattaw għal tfixkil fil-qagħda ekonomika mingħajr ma jikkawżaw is-sensji; Ifakkar li n-nuqqas ta' **flessibbiltà interna f'ħafna swieq tax-xogħol ikkawża sensji enormi li naqqsu** bil-kbir il-kapaċità tal-akkwist ta' diversi ħaddiema tal-UE, **naqqsu d-dħul tall-familji u naqqsu** id-domanda interna, filwaqt li b'hekk **taw** spinta lill-qgħad u l-esklużjoni soċjali, partikolarment f'dawk il-pajjiżi li ntliaqtu l-aġħar mill-kriżi; Jitlob lill-Kummissjoni **u lill-Istati Membri***

Emenda 248

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 4 – Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha ssegwi ħruġ aktar ibbilanċjat mill-kriżi u tqiegħed l-ambizzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet għall-pajjiżi ċentrali b'marġni ta' manuvra biex isegwu politiki espansjonarji *permezz ta' żidiet fil-pagi* li jistgħu jgħinu jnaqqsu l-pressjonijiet deflazjonarji fuq in-nofsinar tal-Ewropa u jgħinu jevitaw ir-riskji li jiżdiedu *l-iżbilanċi* fit-tkabbir u fil-ħolqien tal-impjiegi fiż-żona tal-euro;

Emenda

Il-Kummissjoni għandha ssegwi ħruġ aktar ibbilanċjat mill-kriżi u tqiegħed l-ambizzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet għall-pajjiżi ċentrali b'marġni ta' manuvra biex isegwu politiki espansjonarji li jistgħu jgħinu jnaqqsu l-pressjonijiet deflazjonarji fuq in-nofsinar tal-Ewropa u jgħinu jevitaw ir-riskji li jiżdiedu *l-iżbilanċi* fit-tkabbir u fil-ħolqien tal-impjiegi fiż-żona tal-euro;

Emenda 249

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 4 – Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tieġu nota li l-istrateġija attwali tat-titjib tal-kompetittività esterna, li tikkontribwixxi għal pressjonijiet deflazjonarji għall-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro fl-istess ħin timminimizza r-riżultati netti previsti f'termini ta' domanda esterna li dejjem tikber, askapitu tad-domanda interna;

Emenda

imħassar

Emenda 250
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 4 – Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tesplora li tnaqqas il-persjoni fuq il-pagi permezz ta' skemi ta' paga minima li jippermettilhom li jkunu differenti f'kull pajjiż fir-rigward tal-proporzjon ta' paga mezzana tiegħu u li jirriflettu livelli differenti ta' produttività, jillimitaw il-kompetittività nominali u l-iżbilanċi tal-kontijiet attwali;

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tesplora li tnaqqas il-persjoni fuq il-pagi permezz ta' skemi ta' paga minima **f'dawk il-pajjiżi fejn jeżistu** li jippermettilhom li jkunu differenti f'kull pajjiż fir-rigward tal-proporzjon ta' paga mezzana tiegħu u li jirriflettu livelli differenti ta' produttività, jillimitaw il-kompetittività nominali u l-iżbilanċi tal-kontijiet attwali;

Or. en

Emenda 251
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 4 – Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Tirrakkomanda li tingħata aktar enfasi lis-CSR 2014 tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-impjegji li hija essenzjali f'ekonomija b'għarfien intensiv sabiex tippromwovi produttività għolja tax-xogħol u innovazzjoni rapida abbażi ta' forza tax-xogħol bi standards diċenti tas-saħħa u s-sikurezza, sens ta' sigurtà u ħinijiet tax-xogħol raġonevoli; Il-gwida tal-politika għandha tiffoka partikolarment fir-rigward tal-aċċess tal-ħaddiema għal sett ewlieni ta' drittijiet tax-xogħol, kif stabbiliti fit-Trattati u mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;

Emenda

Jissottolinja li l-miżuri biex itejbu s-sigurtà billi jiġi eliminat gradwalment l-impjeg prekarju u dawk l-arranġamenti kuntrattwali atipiċi li huma marbuta ma' tali forom mhux sikuri ta' impjeg għandhom jiġu mnedija b'forza mill-Istati Membri, bl-għan li jiġu ristretti u mnaqqsa forom atipiċi ta' impjeg, u l-użu ħażin tagħhom għandu jiġi penalizzat. L-Istati Membri, għalhekk, għandhom jintroduċu taħlita ta' kuntratti ta' xogħol sikuri u affidabbli, politiki tas-suq tax-xogħol attivi u integrattivi, tagħlim effettiv tul il-ħajja, sistemi ta' sigurtà soċjali ta' kwalità għolja biex jiżguraw tranżizzjonijiet professjonali sikuri akkumpanjati minn drittijiet ċari biex il-persuni qiegħda jkunu intitolati għal benefiċċji adegwati u miżuri magħmula

speċifikament biex isibu impjieg jew taħriġ ta' kwalità u aġġornament tal-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom jekk ikun meħtieġ;

Or. en

Emenda 252
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 5: L-iffukar mill-ġdid fuq it-tnaqqis tad-dejn privat, wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi fl-Ewropa

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-Kummissjoni għandha tinnota li d-diżingranaġġ privat qed ikun ostakolat minn fokus eċċessiv fuq it-tnaqqis tad-dejn pubbliku u titlob approċċ aktar ibbilanċjat biex tevita ostaklu ewlieni għat-tkabbir u l-impjegi fl-Ewropa;

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joħlqu miżuri li jippermettu ristrutturar xieraq tad-dejn partikolarment għal djar u SMEs sabiex jippermettu s-sostenibbiltà tad-dejn privat li hija prekondizzjoni għall-investment, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi.

Tħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs prijorità assoluta fil-pjanijiet nazzjonali ta' tkabbir tagħhom; tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu aċċess faċli għall-Fondi Ewropej dedikati għal dan l-iskop;

Il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha mal-Istati Membri fil-ħolqien ta' vetturi

tas-self riċiklabbli, ffinanzjati minn taħlita ta' riżorsi uffiċjali u privati u/jew appoġġati minn garanziji maħruġa minn istituzzjonijiet Ewropej, bħall-Bank Ewropew ta' Investment, sabiex tgħin tirkupra urġentement il-likwidità għall-familji u l-SMEs;

Titlob it-tisħiħ tas-sorsi alternattivi ta' finanzjament għas-settur privat, bħal banek ta' żvilupp kooperattivi jew pubbliċi b'saħħithom, li jistgħu jipromwovu li l-likwidità tiġi diretta lejn l-ekonomija reali u finanzjament adegwat ta' proġetti u żvilupp;

Or. en

Emenda 253

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 5 – Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tinnota li d-diżingranaġġ privat *qed ikun ostakolat minn fokus eċċessiv fuq it-tnaqqis* tad-dejn pubbliku u titlob approċċ aktar ibbilanċjat biex tevita ostaklu ewlieni għat-
tkabbir u l-impjegi fl-Ewropa;

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tinnota li d-diżingranaġġ privat *għandu jingħata l-istess attenzjoni bħat-tnaqqis* tad-dejn pubbliku u titlob approċċ aktar ibbilanċjat biex tevita ostaklu ewlieni għat-
tkabbir u l-impjegi fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 254

Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 6: Riformi biex itejbu l-parteċipazzjoni f'xogħol ta' kwalità

Emenda

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

IL-pjanijiet nazzjonali ġenerali u għall-impjeg taż-żgħażaġh

Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-preżentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ġenerali u tal-impjeg taż-żgħażaġh fis-CSR 2014;

Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-kwalità tal-impjegi, it-taħriġ u l-aċċess għal taħriġ tul il-ħajja, id-drittijiet ċentrali tal-ħaddiema, u l-appoġġ għall-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-impjeg indipendenti billi iżid is-sigurtà għall-ħaddiema fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fuq il-bażi tas-SAT 2014;

Ir-riformi fis-Suq tax-Xogħol u l-Politiki Attivi tax-Xogħol

Ir-riformi fis-suq tax-xogħol għandhom jiffokaw fuq iż-żieda tal-produttività u l-effiċjenza tax-xogħol sabiex itejbu l-kompetittività ekonomika tal-UE u jiffaċilitaw it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjegi sostenibbli filwaqt li jiġu rispettati b'mod strett kemm il-forma u kemm is-sustanza tal-Aquis Soċjali Ewropew u l-prinċipji tiegħu; Ir-riformi fis-swieq tax-xogħol għandhom jiġu implimentati b'mod li jippromwovu l-kwalità tal-impjegi;

Ir-riformi strutturali tas-suq tax-xogħol għandhom jintroduċu flessibilità interna sabiex imantnu l-impjeg fi żminijiet ta' disturb ekonomiku, u għandhom jiżguraw il-kwalità tal-impjeg, is-sikurezza fi tranżizzjonijiet ta' impjeg, il-provvista ta' skemi ta' benefiċċju għall-qgħad li huma bbażati fuq rekwiżiti ta' attivazzjoni u konnessi ma' politiki ta' riintegrazzjoni li jmantnu l-inċentivi tax-xogħol filwaqt li jiżguraw introjtu diċenti u t-twaqqif ta' arranġamenti kuntrattwali li jiġġieldu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol,

jantiċipaw ir-ristrutturar ekonomiku u jiżguraw aċċess għal tagħlim tul il-ħajja;

L-Istati Membri għandhom jevitaw it-twaqqif ta' kundizzjonijiet fejn l-impriżi jirtiraw minn ftehimiet ta' livell aktar għoli ta' negozjar kollettiv u biex jirrevedu ftehimiet settorjali dwar il-pagi li jimplikaw esklużjoni ta' numru kbir ħafna ta' ħaddiema mid-dritt tagħhom għan-negozjar kollettiv;

L-Istati Membri għandhom iżidu l-kopertura u l-effikaċja tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali;

L-indirizzar ta' nuqqas ta' qbil tal-ħiliet

Monitoraġġ aħjar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet f'setturi speċifiċi u/jew reġjuni u rimedju malajr għan-nuqqas ta' qbil ta' dawn il-ħiliet.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-elaborazzjoni tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE sabiex jiġi provduta stampa komprensiva tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-UE.

It-trawwim ta' kooperazzjoni u sinerġiji bejn is-settur edukattiv tat-taħriġ u l-impriżi biex ikunu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u s-sistemi edukattivi u ta' taħriġ jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol bl-objettiv li l-forza tax-xogħol tkun ipprovduta bil-ħiliet meħtieġa u tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol;

Il-promozzjoni tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja għall-gruppi ta' età kollha, mhux biss permezz ta' taħriġ formali iżda wkoll permezz tal-iżvilupp ta' taħriġ mhux formali u informali.

Tiġi stabbilita sistema ta' validazzjoni ta' taħriġ mhux formali u informali sal-2015 konness mal-Qafas ta' Kwalifikazzjoni Ewropew;

Il-qgħad fost iż-żgħażaġh

Tappella sabiex jitwaqqaf Ftehim

Ewropew għall-Impjieg taż-Żgħażaġħ li jdaħħal fis-seħħ il-miżuri li ilu li kien hemm ftehim dwarhom u li jiġu impenjati riżorsi u miżuri ġodda biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh, inaqqsu l-għadd ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), billi jiġi kkunsidrat l-aspett kwalitattiv ta' xogħol deċenti bir-rispett sħiħ tal-istandards ewlenin tax-xogħol;

L-Istati Membri għandhom jimplementaw b'urġenza l-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ; u jużaw ir-riżorsi disponibbli b'mod effiċjenti filwaqt li jikkonċentraw l-attivitàjiet fuq dawk fl-aktar sitwazzjoni diffiċli.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-finanzjament tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) li kkalkulat li EUR 21 biljun huma meħtieġa biss fiż-żona tal-euro sabiex jimplimentaw programm effettiv għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Tistieden lill-Kummissjoni sabiex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun prijorità biex iżżid il-baġit disponibbli fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP;

Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jikkunsidraw li anke l-Istati Membri fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv ikollhom l-ispazju fiskali sabiex jużaw dawn il-miżuri, b'mod partikolari billi l-kofinanzjament tal-Istati Membri tal-miżuri għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh jiġi eżentat b'mod temporanju mill-kalkolu tad-defiċit eċċessiv;

Il-Kummissjoni għandha tipproponi qafas ta' kwalità għall-iskemi ta' taħriġ, li jinkludi fost l-oħrajn il-kriterji għal ħlas xieraq, miri edukattivi, kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll għal standards ta' saħħa u sigurtà; jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali Ewropej jimplimentaw b'mod ambizzjuż l-Alleanza għall-

Edukazzjoni;

L-anzjani u l-persuni li ilhom qegħda

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg għal ħaddiema akbar fl-età, jiggarrantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji fiskali li jagħtu inċentivi biex il-ħaddiema idumu jaħdmu aktar, u jappoġġaw it-tixjiħ attiv b'saħħtu;

Persuni li ilhom qegħda fit-tul għandhom jiġu appoġġati permezz tal-ħolqien tal-impjegi u approċċi ta' inklużjoni attivi integrati, inkluż inċentivi ta' attivazzjoni pożittivi bħal gwida personalizzata u programmi għat-tranżizzjoni minn dipendenza fuq il-benefiċċji għas-suq tax-xogħol, sistemi ta' benefiċċji adegwati u aċċess għal servizzi ta' kwalità biex jappoġġawhom fl-ikkonnettjar mill-ġdid mas-suq tax-xogħol u fl-aċċess għal impjegi ta' kwalità;

In-nisa

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed aktar enfasi fuq iż-żieda sinifikanti tal-parteeċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol li hija importanti għall-kisba tal-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 għar-rata ta' impjieg; Jitlob miżuri bħal kura affordabbli u kura tat-tfal affordabbli, skemi ta' live ta' maternità, paternità u parentali adegwati u flessibilità fil-ħinijiet tax-xogħol u l-post tax-xogħol;

L-Istati Membri għandhom jirrispettaw u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala parti mill-politiki nazzjonali tagħhom u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR);

Gruppi prijoritarji oħrajn

L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom miżuri ewlenin dwar l-impjegi u l-inklużjoni soċjali adottati mill-Istrateġija Ewropea għal persuni b'diżabbiltà. Tistieden lill-Kummissjoni Ewropea li dawn il-miżuri huma parti mir-

rakkomandazzjonijiet tagħha skont il-pajjiż fl-2014.

Tappella għall-inklużjoni tal-integrazzjoni tal-minoranzi fil-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014 li l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol hija importanti biex tinkiseb il-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 għar-rata ta' impjeg; Tistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw il-livell baxx ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi (e.ż. ir-Rom).

Or. en

Emenda 255

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 6 – Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

IL-pjanijiet nazzjonali ġenerali u għall-impjeg taż-żgħażaġh

Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-preżentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ġenerali u tal-impjeg taż-żgħażaġh fis-CSR 2014;

Emenda

Il-pjanijiet nazzjonali ġenerali u għall-impjeg taż-żgħażaġh

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet nazzjonali ġenerali u tal-impjeg taż-żgħażaġh fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2014;

Or. en

Emenda 256

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 6 – Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

L-Istati Membri għandhom jevitaw it-twaqqif ta' kundizzjonijiet fejn l-impriżi jirtiraw minn ftehimiet ta' livell aktar

Emenda

imħassar

għoli ta' negozjar kollettiv u biex jirrevedu ftehimiet settorjali dwar il-pagi li jimplikaw esklużjoni ta' numru kbir ħafna ta' ħaddiema mid-dritt tagħhom għan-negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 257

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 6 – Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

It-trawwim ta' kooperazzjoni u sinerġiji bejn is-settur edukattiv tat-taħriġ u l-impriżi biex ikunu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u s-sistemi edukattivi u ta' taħriġ jiġu adatti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol bl-objettiv li l-forza tax-xogħol tkun ipprovduta bil-ħiliet meħtieġa u tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol;

Emenda

It-trawwim ta' kooperazzjoni u sinerġiji bejn is-settur edukattiv tat-taħriġ u l-impriżi biex ikunu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u s-sistemi edukattivi u ta' taħriġ jiġu adatti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol bl-objettiv li l-forza tax-xogħol tkun ipprovduta bil-ħiliet meħtieġa u tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol; ***f'dan il-kuntest, skemi ta' taġlim doppju, għandu jkollhom rwol ewlieni;***

Or. en

Emenda 258

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 6 – Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-finanzjament tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) li kkalkulat li EUR 21 biljun huma meħtieġa biss fiż-żona tal-euro sabiex jimplementaw

Emenda

Tistieden lill-Kummissjoni sabiex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun prijorità biex iżżid il-baġit disponibbli fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP;

programm effettiv għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Tistieden lill-Kummissjoni sabiex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun prijorità biex iżżid il-bagiġ disponibbli fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP;

Or. en

Emenda 259
Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 6 – Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tipproponi qafas ta' kwalità għall-iskemi ta' taħriġ, li jinkludi fost l-oħrajn il-kriterji għal **ħlas xieraq**, miri edukattivi, **kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll għal standards ta' saħħa u sigurtà**; jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali Ewropej jimplimentaw b'mod ambizzjuż l-Alleanza għall-Edukazzjoni;

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tipproponi qafas ta' kwalità għall-iskemi ta' taħriġ, li jinkludi fost l-oħrajn il-kriterji għal miri edukattivi, **xogħol xieraq**; jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali Ewropej jimplimentaw b'mod ambizzjuż l-Alleanza għall-Edukazzjoni;

Or. en

Emenda 260
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 7: It-titjib tal-mobilità tax-xogħol volontarja

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa

Emenda

imħassra

miżuri adegwati biex tirrevedi l-liġi Ewropea biex tiggarrantixxi l-portabilità tad-drittijiet tal-pensjoni u tiggarrantixxi għal perjodu ta' tal-anqas tliet xhur kontinwazzjoni tal-benefiċċji tal-impjieg filwaqt li l-persuna tkun qed tfittex xogħol fi Stati Membri oħrajn minħabba n-numru ta' ħaddiema, partikolarment żgħażaġh, li jiġi mill-pajjiżi ta' oriġini tagħhom għal oħrajn fi ħdan l-UE bi tfittxija għal opportunitajiet ta' impjieg;

Tibni fuq il-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol (EURES) billi tintensifika u twessa' l-attivitajiet tagħha u, b'mod partikulari, tippromwovi l-mobilità taż-żgħażaġh; titlob li tkun abbozzata strateġija speċifika għaliha, flimkien mal-Istati Membri filwaqt li jkun enfasizzat il-fatt li l-mobilità għandha tibqa' volontarja u li sforzi biex jinħolqu l-impjiegi u l-postijiet ta' taħriġ fuq il-post m'għandhomx ikunu limitati minnha;

Il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibilità għal Stati membri tal-UEM biex jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni aħjar sabiex jadottaw leġiżlazzjoni li tippromwovi l-mobilità tax-xogħol fi ħdan Stati tal-UEM aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti (e.ż. dwar il-portabilità ta' drittijiet supplimentari tal-pensjoni, jew l-adozzjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UEM u aġenziji nazzjonali ta' impjieg).

Or. en

Emenda 261

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 7 – Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa miżuri adegwati biex **tirrevedi l-liġi Ewropea biex**

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa miżuri adegwati biex tiggarrantixxi l-portabilità

tiggarantixxi l-portabilità tad-drittijiet tal-pensjoni u tiggarantixxi għal perjodu ta' tal-anqas tliet xhur kontinwazzjoni tal-benefiċċji tal-impjieg filwaqt li l-persuna tkun qed tfittex xogħol fi Stati Membri oħrajn minħabba n-numru ta' ħaddiema, partikolarment żgħażaġh, li jitolqu mill-pajjiżi ta' oriġini tagħhom għal oħrajn fi ħdan l-UE bi tfittxija għal opportunitajiet ta' impjieg;

tad-drittijiet tal-pensjoni u tiggarantixxi għal perjodu ta' tal-anqas tliet xhur kontinwazzjoni tal-benefiċċji tal-impjieg filwaqt li l-persuna tkun qed tfittex xogħol fi Stati Membri oħrajn minħabba n-numru ta' ħaddiema, partikolarment żgħażaġh, li jitolqu mill-pajjiżi ta' oriġini tagħhom għal oħrajn fi ħdan l-UE bi tfittxija għal opportunitajiet ta' impjieg;

Or. en

Emenda 262

Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 7 – Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibilità għal Stati membri tal-UEM biex jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni aħjar sabiex jadottaw leġiżlazzjoni li tippromwovi l-mobilità tax-xogħol fi ħdan Stati tal-UEM aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti (e.ż. dwar il-portabilità ta' drittijiet supplimentari tal-pensjoni, jew l-adozzjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UEM u aġenziji nazzjonali ta' impjieg).

imħassar

Or. en

Emenda 263

Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 8: Lejn sistemi ta' tassazzjoni aktar ġusti

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

L-Istati Membri għandhom jirrifirmaw it-taxxi biex inaqqsu l-pressjoni fuq ħaddiema b'paċi baxxi jew għal dawki li għandhom it-tieni sors ta' dħul li skont il-Kummissjoni għadha għolja u turi tendenza li qed tiżdied;

*Il-Kummissjoni għandha tieħu nota tar-rapport tat-taxxa ta' Ottubru 2013 tal-FMI li jnnota l-iskop eżistenti li jkun intaxxat aħjar u b'mod aktar progressiv għall-promozzjoni tat-*tkabbir* u li biex iddaħħal xi dħul addizzjonali fil-*proċess*;*

*L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-piż lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxi sostenibbli bħal taxxa korporattiva armonizzata, l-*Imposta* fuq it-*Transazzjonijiet Finanzjarji (FTT)* u t-taxxi fuq il-karbonju.*

*L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri favorevoli għall-*ħolqien* tal-*impjiegi* bħal riformi tat-taxxa tax-xogħol li jipprovdu *inċentivi* tal-*impjieg*, *jappoġġaw* *impjieg* *indipendenti* *volontarju* u *jipromwovu* l-*kummerç* *f'setturi strateġiċi*;*

*It-tassazzjoni fuq ix-xogħol, speċjalment tnaqqis temporanju mmirat sew fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew fl-iskemi ta' sussidji tal-*impjiegi* għal rekluti ġodda, speċjalment għal ħaddiema b'paċi baxxi u b'ħiliet baxxi, gruppi ta' persuni li ilhom qegħda għal *żmien twil* u gruppi vulnerabbli oħra, filwaqt li jiżguraw is-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjoni pubbliċi għal *żmien fit-tul*.*

*Sabiex ikun miġġieled ix-xogħol mhux dikjarat, l-*impjieg* *indipendenti* falz u l-*frodi* tat-taxxa, partikolarment fil-*kuntest* attwali tal-*konsolidazzjoni fiskali*, sabiex jiġu protetti l-*ħaddiema*, ir-*rendiment* fiskali u tkun żgurata il-*kunfidenza* tal-pubbliku fil-*ġustizzja* u l-*effikaċja* tas-*

sistemi tat-taxxa; It-trasformazzjoni ta' xogħol informali u mhux iddikjarat f'impjieg regolari fost l-oħrajn billi tiżdied il-kapaċità ta' spezzjonijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 264
Inês Cristina Zuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 8 – Paragrafu – 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Huwa importanti li jiġu adottati politiki dwar il-pjan ta' taxxa li jtemm bil-favoritiżmu eżaġerat tal-banek, l-ispekulazzjoni finanzjarja, ta' gruppi ekonomiċi domestiċi u barranin ewlenin;

Or. en

Emenda 265
Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 8 – Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-piż lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxi sostenibbli ***bħal taxxa korporattiva armonizzata, l-Imposta fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji (FTT) u taxxi fuq il-karbonju.***

L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-piż lil hinn mix-xogħol lejn forom oħra ta' taxxi sostenibbli;

Or. en

Emenda 266
Verónica Lope Fontagné, Csaba Óry

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 8 – Paragrafu 5**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

It-tassazzjoni fuq ix-xogħol, speċjalment tnaqqis temporanju mmirat sew fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew fl-iskemi ta' sussidji tal-impjiegi għal rekluti ġodda, speċjalment għal ħaddiema b'pagi baxxi u b'ħiliet baxxi, gruppi ta' persuni li ilhom *qegħda* għal żmien twil u gruppi vulnerabbli oħra, filwaqt li jiżguraw is-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjoni pubbliċi għal żmien fit-tul.

Emenda

It-tassazzjoni fuq ix-xogħol, speċjalment tnaqqis temporanju mmirat sew fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew fl-iskemi ta' sussidji tal-impjiegi għal rekluti ġodda, speċjalment għal *żghażaġh*, ħaddiema b'pagi baxxi u b'ħiliet baxxi, gruppi ta' persuni li ilhom *qiegħda* għal żmien twil u gruppi vulnerabbli oħra, filwaqt li jiżguraw is-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjoni pubbliċi għal żmien fit-tul;

Or. en

**Emenda 267
Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 9**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 9: Il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali għandhom jittnaqqsu

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

L-Istati Membri għandhom jinfurzaw in-network tas-sikurezza u jiżguraw l-effikaċja tas-sistemi tal-benessri kif ukoll jinvestu f'miżuri ta' prevenzjoni;

Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-impatt tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku fuq il-progress lejn il-miri ewlenin ta' Ewropa 2020 f'dawk l-Istati Membri li jkollhom diffikultajiet finanzjarji u li tilħaq qbil dwar modifikazzjonijiet immirati biex iġibu l-programmi ta' aġġustament konformi

Emenda

imħassra

Emenda 268
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 10: Pensjonijiet
sostenibbli

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fil-Green Paper u l-White Paper dwar il-pensjonijiet.

Ir-riformi fil-pensjonijiet jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali u jistgħu jkunu ta' suċċess biss meta jkunu nnegozjati mas-sħab soċjali;

Sabiex tkun iggarantita s-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjonijiet: huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar tiżdied mingħajr ma tiżdied l-età mandatorja tal-irtirar, billi jitnaqqas il-għadd ta' nies li jtitlqu kmieni mis-suq tax-xogħol; jemma li biex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jllimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u mezz oħra ta' ħruġ bikri, jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjiegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggarantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li jagħtu inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Emenda 269

Verónica Lope Fontagné, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Óry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Rakkomandazzjoni 10 – Paragrafu 3***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

Sabiex tkun iggarantita s-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjonijiet: ***huwa possibbli li l-età attwali tal-irtirar tiżdied mingħajr ma tiżdied l-età mandatorja tal-irtirar, billi jitnaqqas il-għadd ta' nies li jitolqu kmieni mis-suq tax-xogħol***; jemma li biex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u mezzi oħra ta' ħruġ bikri, jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggerantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li jagħtu inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Emenda

Sabiex tkun iggarantita s-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjonijiet: jemma li biex l-etajiet effettivi tal-irtirar jiżdiedu b'suċċess ***u jitnaqqas l-għadd ta' nies li jitolqu kmieni mis-suq tax-xogħol***, jeħtieġ li r-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet jiġu akkumpanjati minn politiki li jillimitaw l-aċċess għall-iskemi tal-irtirar bikri u mezzi oħra ta' ħruġ bikri, jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjegi għall-ħaddiema aktar kbar fl-età, jiggerantixxu aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li jagħtu inċentivi biex dak li jkun jibqa' jaħdem għal aktar żmien, u jappoġġjaw it-tixjiħ b'saħħtu attiv;

Emenda 270

Verónica Lope Fontagné, Ria Oomen-Ruijten

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Rakkomandazzjoni 10 – Paragrafu 3a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

Jinnota l-progress inekwu u l-livell ta' ambizzjoni madwar l-Istati Membri fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali mmirati biex iżidu l-impjegi, ineħħu gradwalment l-iskemi ta' rtirar bikri u jevalwaw, fil-livell tal-Istati

Emenda

Membri u flimkien mas-sħab soċjali, il-ħtieġa li l-età kemm statutorja kif ukoll effettiva tal-irtirar titqiegħed fuq livell sostenibbli ma' żidiet fl-istennija tal-għomor;

Or. en

Emenda 271
Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Rakkomandazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Rakkomandazzjoni 11: Stabbilizzaturi soċjali Ewropej

imħassra

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Il-politiki soċjali u l-istandards soċjali m'għandhomx jintużaw bħala fatturi ta' aġġustament mill-Istati Membri tal-UEM li jesperjenzaw xokkijiet ekonomiċi negattivi;

Il-Kummissjoni għandha tipproduċi Green Paper dwar l-Istabbilizzaturi Awtomatiċi fiż-żona tal-euro sabiex tgħin tindirizza x-xokkijiet asimmetriċi, tevita - użu eċċessiv tal-istati tal-benessri nazzjonali b'mod li jspiċċaw u b'hekk issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-UEM inġenerali.

Jistieden lill-Kunsill Ewropew li se jiltaqa' f'Diċembru biex jiddefinixxi passi konkreti 'l quddiem fir-rigward tal-bini ta' pilastru soċjali u tal-impjeg ġenwin bħala parti mill-UEM abbażi tal-metodu komunitarju u biex jelabora iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad bħala stabbilizzatur awtomatiku għaż-żona tal-euro

Emenda 272

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 11 – Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Jistieden *lill-Kunsill Ewropew li se jiltaqa' f'Diċembru biex jiddefinixxi passi konkreti 'l quddiem fir-rigward tal-bini ta' pilastru soċjali u tal-impjeg ġenwin bħala parti mill-UEM abbażi tal-metodu komunitarju u biex jelaħora iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad bħala stabbilizzatur awtomatiku għaḡ-żona tal-euro*

Emenda

Jistieden *lill-Kummissjoni tevalwa l-possibbiltajiet tal-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-UEM u biex telaħora iżjed dwar il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' skema Ewropea ta' benefiċċju għall-qgħad bħala stabbilizzatur awtomatiku għaḡ-żona tal-euro*

Or. en

Emenda 273

Philippe De Backer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 12: Il-leġittimità demokratika u d-djalogu soċjali għandhom jissaħħu

Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-gwida politika annwali li se tiġi adottata mill-Kunsill Ewropew fuq il-bażi tas-SAT għandu jkollu l-għan li:

Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE;

Il-garanzija u l-infurzar ta' parteċipazzjoni ta' kwalità għolja tas-sħab

Emenda

imħassra

soċjali u djalogu soċjali b'saħħtu, anki fil-livell nazzjonali, li hija essenzjali għas-suċċess ta' kwalunkwe riforma u partikolarment fir-riformi tal-UEM, ir-rwol tas-sħab soċjali fil-Governanza Ekonomika l-ġdida, partikolarment fis-Semestru Ewropew

Timplimenta l-proposta tal-Kummissjoni għal involviment aktar b'saħħtu tas-sħab soċjali fil-proċess tas-Semestru Ewropew, fost l-oħrajn fil-qafas tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali qabel l-adozzjoni annwali tas-SAT,

Il-Kunsill Ewropew u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parlamenti nazzjonali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-gwida politika taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-proċess ta' governanza ekonomika, sabiex jiżguraw is-sjieda;

Il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni għandhom jintegraw il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-għanijiet tal-impjiegi, soċjali u edukattivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 b'mod aktar effikaċi fis-Semestru Ewropew 2014;

Or. en

Emenda 274

Verónica Lope Fontagné

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Rakkomandazzjoni 12 – Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali *fil-livell tal-UE*;

Emenda

Jenfasizza li r-riformi kollha tas-suq tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq koordinazzjoni rinforzata tad-djalogu soċjali;

Or. en

